II

*(Komunikazzjonijiet)*

# KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-KUMMISSJONI EWROPEA

## Avviż tal-Kummissjoni — Linji Gwida dwar l-Estradizzjoni lejn Stati Terzi

(2022/C 223/01)

### Werrej

*Paġna*

Lista ta' abbrevjazzjonijiet ... 3
Daħla ... 3
1. Sommarju tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ... 5
1.1. Talbiet għall-estradizzjoni għall-fini tat-twettiq ta' prosekuzzjoni kriminali ... 5
Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2016, Petruhhin, C-182/15 ... 5
Id-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2017, Schotthöfer & Steiner vs Adelsmayr, C 473/15 ... 7
Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' April 2018, Pisciotti, C-191/16 ... 8
Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' April 2020, Ruska Federacija, C-897/19 PPU ... 8
Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 2020, Generalstaatsanwaltschaft Berlin, C-398/19 ... 9
Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 2021, Petruhhin, C-505/19 ... 11
1.2. Talbiet għall-estradizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' piena jew ordni ta' detenzjoni ... 12
Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Novembru 2018, Raugevicius, C-247/17 ... 12
C-237/21 Generalstaatsanwaltschaft München [każ attwalment pendenti] ... 13
2. Linji gwida applikabbli f'każijiet fejn l-Istati japplikaw l-eċċezzjoni tan-nazzjonalità ... 14
2.1. Talbiet għal estradizzjoni għal finijiet ta' prosekuzzjoni ... 14
2.1.1. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu Petruhhin ... 14
2.1.2. Passi li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet kompetenti meta tapplika l-eċċezzjoni tan-nazzjonalità ... 15
2.1.3. Limitu ta' żmien sabiex tingħata tweġiba għal notifika ... 17
2.1.4. Rifjut ta' talba għal estradizzjoni ... 17
2.1.5. It-tkomplija tal-proċedimenti ta' estradizzjoni ... 17
2.2. Talbiet għall-estradizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni ... 17
2.2.1. Kamp ta' applikazzjoni ... 17
2.2.2. Passi li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet kompetenti meta tapplika l-eċċezzjoni tan-nazzjonalità ... 18

2.2.3. Skambju ta’ informazzjoni bejn l-Istat rikjest u l-Istat tan-nazzjonalità ..................... 18

3. Linji gwida applikabbli għall-Istati kollha irrispettivament mill-eċċezzjoni tan-nazzjonalità ............ 18

3.1. Valutazzjoni tad-drittijiet fundamentali qabel estradizzjoni ........................................ 18

3.1.1. Applikazzjoni tal-Karta ................................................................... 18

3.1.2. Applikazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ........................................................... 19

3.2. Avviżi ħomor, mandati ta’ arrest u talbiet għal estradizzjoni infondati jew abbużivi, inklużi dawk motivati politikament ....................................................... 20

3.2.1. Il-mekkaniżmu eżistenti tal-Interpol dwar l-użu ħażin tal-avviżi ħomor .................... 20

3.2.2. Skambju ta’ informazzjoni minn punti fokali dwar talbiet għal estradizzjoni mingħajr bażi jew abbużivi, b’mod partikolari dawk b’motivi politiċi ................................ 21

4. Aspetti prattiċi tal-mekkaniżmu Petruhhin u talbiet għal estradizzjoni motivati politikament ........... 21

4.1. Punti fokali ............................................................................. 21

4.2. Reġim tal-lingwa u spejjeż ............................................................... 21

4.3. Reġim tal-protezzjoni tad-data ........................................................... 21

ANNESS 1 Illustrazzjoni tal-passi li għandhom jittieħdu fir-rigward tat-talbiet għall-estradizzjoni għall-finijiet ta’ prosekuzzjoni – passi ewlenin tal-mekkaniżmu Petruhhin ........................................ 22

ANNESS 2 - Ħarsa ġenerali lejn l-eċċezzjonijiet tan-nazzjonalità (informazzjoni kif ipprovduta mill-Istati) .............. 23

ANNESS 3 Mudell biex jinforma lill-Istat tan-nazzjonalità .............................................. 25

ANNESS 4 Mudell biex tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali lill-Istat tan-nazzjonalità ............................ 28

ANNESS 5 Mudell sabiex tintalab estensjoni tal-limitu ta’ żmien sabiex l-awtorità rikjesta tiġi infurmata skont il-mekkaniżmu Petruhhin ........................................................ 30

ANNESS 6 Mudell għat-tweġiba għal talba għal estensjoni tal-limitu ta’ żmien ........................................ 31

ANNESS 7 Mudell għall-Istat tan-nazzjonalità sabiex jipprovdi tweġiba lill- Istat rikjest ................................. 32

ANNESS 8 Mudell sabiex tiġi nnotifikata jew mitluba informazzjoni dwar talbiet għall-estradizzjoni infondati, abbużivi, b’mod partikolari politikament motivati u/jew talbiet, li jqajmu t-tħassib tal-Karta/tal-KEDB ..... 34

**Lista ta' abbrevjazzjonijiet**

| | |
|---|---|
| Il-Karta | Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea |
| KIFS | Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen |
| KtE | Il-Kunsill tal-Ewropa |
| Il-Qorti tal-Ġustizzja | Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea |
| MAE | Il-Mandat ta' Arrest Ewropew |
| KEDB | Il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem |
| QEDB | Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem |
| ŻEE | Iż-Żona Ekonomika Ewropea |
| OIE | L-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea |
| NĠE | In-Network Ġudizzjarju Ewropew |
| Il-Eurojust | L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali |
| L-Europol | L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi |
| Il-Mandat ta' arrest tal-UE-IŻ/NO | Mandat ta' arrest maħruġ skont il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda (IŻ) u r-Renju tan-Norveġja (NO) dwar il-proċedura ta' konsenja bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda u n-Norveġja |
| Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE | Id-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2002/584/ĠAI tat-13 ta' Ġunju 2002 fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' ċediment bejn l-Istati Membri |
| L-Interpol | L-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali |
| MLA | Assistenza legali reċiproka |
| Stat | 27 Stat Membru tal-UE, l-Iżlanda u n-Norveġja |
| TFUE | It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea |
| IR-RENJU UNIT | Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq |
| L-ISTATI UNITI | L-Istati Uniti tal-Amerka |

**Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà**

*Dawn il-linji gwida la huma legalment vinkolanti u lanqas eżawrjenti. Dawn ma għandhom l-ebda effett fuq id-dritt tal-Unjoni eżistenti u l-iżvilupp futur tiegħu. Lanqas ma għandhom effett fuq l-interpretazzjoni awtorevoli tad-dritt tal-Unjoni mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.*

## DAĦLA

Il-proċedimenti ta' estradizzjoni bejn l-Istati Membri u l-Istati terzi huma primarjament regolati minn kombinament b'diversi livelli ta' bażijiet legali differenti: ftehimiet multilaterali (eż. il-Konvenzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa (KtE) ([1])), ftehimiet bilaterali (konklużi mill-UE jew mill-Istati Membri), u liġijiet nazzjonali.

B'mod ġenerali, il-ftehimiet ta' estradizzjoni jipprevedu l-possibbiltà għal "eċċezzjoni tan-nazzjonalità," li jfisser li l-partijiet kontraenti jistgħu jirrifjutaw li jestradixxu liċ-ċittadini tagħhom stess.

([1]) Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-estradizzjoni (ETS Nru 24) u l-Protokoll addizzjonali tagħha (ETS Nru 086), it-tieni Protokoll addizzjonali (ETS Nru 098), it-tielet Protokoll addizzjonali (ETS Nru 209) u r-Raba' Protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni Ewropea dwar l-estradizzjoni (ETS Nru 212).

Barra minn hekk, xi ftehimiet li jipprevedu l-eċċezzjoni tan-nazzjonalità jimplikaw li l-partijiet kontraenti għandhom jirrispettaw il-prinċipju ta'"*aut dedere aut judicare*" ([2]) sabiex tiġi evitata l-impunità fir-rigward taċ-ċittadini proprji ([3]). B'mod ġenerali, il-prosekuzzjoni ta' ċittadini proprji tal-Istati tista' tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' personalità attiva li japplika għal reati mwettqa minn ċittadini barra mit-territorju ta' parti kontraenti.

Fl-2016, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (il-Qorti tal-Ġustizzja) introduċiet, fis-sentenza *Petruhhin* ([4]), obbligi speċifiċi għall-Istati Membri li ma jestradixxux liċ-ċittadini tagħhom stess meta jirċievu talba għal estradizzjoni minn Stat terz għall-prosekuzzjoni ta' ċittadin tal-UE li jkun ċittadin ta' Stat Membru ieħor u li jkun eżerċita d-dritt tiegħu għall-moviment liberu skont l-Artikolu 21(1) ([5]) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Is-sentenza *Petruhhin* hija l-ewwel kawża li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru tal-UE, meta jiffaċċja talba għal estradizzjoni minn Stat terz fir-rigward ta' ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-UE, huwa obbligat li jibda proċedura ta' konsultazzjoni mal-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin tal-UE (il-mekkaniżmu *Petruhhin*), u b'hekk dan tal-aħħar jingħata l-opportunità li jwettaq prosekuzzjoni kontra ċ-ċittadini tiegħu permezz ta' Mandat ta' Arrest Ewropew (MAE). L-obbligi speċifiċi imposti fuq l-Istati Membri li ma jestradixxux liċ-ċittadini tagħhom stess huma bbażati fuq ir-raġunament li għandu jiġi żgurat trattament mhux diskriminatorju bejn iċ-ċittadini proprji u ċittadini oħra tal-UE ([6]). L-obbligi tal-Istati Membri ġew speċifikati aktar fil-ġurisprudenza sussegwenti ([7]). Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja estendiet il-mekkaniżmu *Petruhhin* għall-Iżlanda u għan-Norveġja ([8]).

Fl-4 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill talab lill-Presidenza tistieden lill-Eurojust u lin-Network Ġudizzjarju Ewropew (NĠE) janalizzaw kif it-talbiet għall-estradizzjoni taċ-ċittadini tal-UE minn Stati terzi jiġu ttrattati fil-prattika. Huma qablu wkoll li jagħmlu suġġerimenti f'dan ir-rigward, fid-dawl tal-gwida possibbli tal-UE li għandha tiġi żviluppata mill-Kummissjoni ([9]).

B'rispons għal dan, il-Eurojust u n-NĠE ppubblikaw rapport konġunt f'Novembru tal-2020 ([10]). L-isfidi ewlenin li ġew identifikati f'dan ir-rapport kienu jinkludu:

— Inċertezza dwar liema awtorità għandha tiġi avviċinata fl-Istat Membru tan-nazzjonalità, liema Stat Membru għandu jieħu ħsieb u jħallas għall-ispejjeż tat-traduzzjoni, u/jew liema huwa l-aħjar strument ta' kooperazzjoni ġudizzjarja li għandhu jiġi applikat sabiex tiġi żgurata l-prosekuzzjoni fl-Istat Membru tan-nazzjonalità.

— Prattiki differenti relatati mal-firxa tal-informazzjoni pprovduta, l-iskadenzi mogħtija għat-tweġibiet u d-deċiżjonijiet, u t-tipi ta' valutazzjonijiet imwettqa fil-qafas tal-mekkaniżmu Petruhhin.

— Tensjonijiet bejn l-obbligi skont id-dritt tal-UE minn naħa, u t-trattati bilaterali u multilaterali dwar l-estradizzjoni min-naħa l-oħra.

— Diversi kanali paralleli użati sabiex jinfurmaw u jittrażmettu l-informazzjoni, li spiss iwasslu għal duplikazzjoni tal-isforzi, inċertezza u konfużjoni.

([2]) L-obbligu li ssir estradizzjoni jew prosekuzzjoni.

([3]) Eż. Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit, min-naħa l-oħra (ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10), jipprovdi obbligu espliċitu fir-rigward tal-prinċipju ta' "*aut dedere aut judicare*" fl-Artikolu 603.

([4]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2016, *Petruhhin*, C-182/15, ECLI:EU:C:2016:630.

([5]) L-Artikolu 21(1) tat-TFUE jipprovdi li: "Kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt li jmur minn post għal ieħor u li joqgħod liberament fit-territorju tal-Istati Membri, salvi l-limitazzjonijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u d-dispożizzjonijiet meħuda sabiex dan jitwettaq."

([6]) Abbażi tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità stabbilita skont l-Artikolu 18 tat-TFUE, li jipprevedi li: "Fil-kamp tal-applikazzjoni tat-Trattati, u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċjali inklużi hemm kull diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza għandha tiġi projbita."

([7]) Is-sentenza tal-10 ta' April 2018, *Pisciotti*, C-191/16, ECLI:EU:C:2018:222; is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2018, *Raugevicius*, C-247/17, ECLI:EU:C:2018:898; is-sentenza tat-2 ta' April 2020, *Ruska Federacija*, C-897/19 PPU, ECLI:EU:C:2020:262 u s-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, *Generalstaatsanwaltschaft Berlin*, C-398/19, ECLI:EU:C:2020:1032.

([8]) Is-sentenza tat-2 ta' April 2020, *Ruska Federacija*, C-897/19 PPU, ECLI:EU:C:2020:262.

([9]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, Vidjokonferenza informali tal-Ministri għall-Ġustizzja, tal-4 ta' Ġunju 2020: Tħejjija - estradizzjoni taċ-ċittadini tal-UE lejn pajjiżi terzi - Dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza, Dokument WK 5231/2020 INIT.

([10]) Rapport konġunt tal-Eurojust u tan-Network Ġudizzjarju Ewropew dwar l-estradizzjoni ta' ċittadini tal-UE lejn pajjiżi terzi: https://www.eurojust.europa.eu/joint-report-eurojust-and-ejn-extradition-eu-citizens-third-countries

Sussegwentement, f'Diċembru 2020, il-Kunsill adotta konklużjonijiet dwar"Il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' estradizzjoni - l-isfidi attwali u t-triq 'il quddiem" ([11]). Fil-konklużjonijiet, ġie mtenni li "Wara s-sentenzi tal-QĠUE fil-kawża Petruhhin u diversi deċiżjonijiet sussegwenti ([12]), fit-trattament ta' tali talbiet l-Istati Membri huma ffaċċjati minn żewġ obbligi: minn naħa, id-dmir li jiġu ssodisfati l-obbligi eżistenti skont id-dritt internazzjonali u li jiġi miġġieled ir-riskju li r-reat ikkonċernat ma jiġix ikkastigat u, min-naħa l-oħra, l-Istati Membri li ma jestradixxux liċ-ċittadini tagħhom huma obbligati, f'konformità mal-prinċipji tal-libertà tal-moviment u n-nondiskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità, sabiex iċ-ċittadini minn Stati Membri oħra jiġu protetti bl-aktar mod effettiv possibbli minn miżuri li jistgħu jċaħħduhom mid-drittijiet tal-moviment liberu u tar-residenza fl-UE."

Hemm kwistjonijiet oħra li jaffettwaw l-estradizzjoni, kif identifikati fir-rapport tal-Eurojust u n-NĠE. Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-2020, il-Kunsill enfasizza li "L-esperjenza prattika ta' Stati Membri differenti turi li hemm każijiet fejn talbiet bla bażi u abbużivi għall-estradizzjoni jiġu ppreżentati minn pajjiżi terzi. Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni sabiex tikkunsidra l-ħtieġa, fid-dawl tar-riżultati tal-analiżi mħejjija mill-Eurojust u min-NĠE, għal azzjoni ulterjuri, bħal suġġeriment għal approċċ komuni fit-trattament ta' talbiet potenzjalment abbużivi, inklużi talbiet motivati politikament, ta' tiftix u ta' estradizzjoni minn pajjiżi terzi. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jitqiesu l-aħjar prattiki tal-Istati Membri".

Għall-finijiet tat-tħejjija ta' dawn il-linji gwida, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri permezz ta' kwestjonarju dwar it-talbiet għall-estradizzjoni minn Stati terzi. Il-Kummissjoni fasslet ukoll tabella ta' ftehimiet ta' estradizzjoni u ftehimiet ta' assistenza legali reċiproka (mutual legal assistance, MLA) li l-Istati Membri kkonkludew ma' Stati terzi (disponibbli fuq is-sit web tan-NĠE). F'Ġunju u f'Ottubru 2021, is-sejbiet tal-kwestjonarju ġew diskussi f'laqgħat apposta tal-esperti tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni kkonsultat ukoll lil diversi partijiet ikkonċernati u esperti, inklużi l-Eurojust u n-NĠE.

Dawn il-linji gwida jiġbru fil-qosor il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dawn iqisu wkoll l-esperjenza li nkisbet matul l-aħħar ħames snin fl-applikazzjoni tal-mekkaniżmu *Petruhhin* madwar l-UE, l-Iżlanda u n-Norveġja.

## 1. **SOMMARJU TAL-ĠURISPRUDENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA**

It-talbiet għall-estradizzjoni jistgħu jinħarġu għall-finijiet tat-twettiq ta' prosekuzzjoni kriminali jew tal-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

Fir-rigward tal-ewwel kategorija - talbiet għal estradizzjoni maħruġa għall-fini tat-twettiq ta' prosekuzzjoni kriminali, il-Qorti tal-Ġustizzja żviluppat l-hekk imsejħa *"duttrina Petruhhin"* ([13]).

Fir-rigward tat-tieni kategorija - talbiet għal estradizzjoni maħruġa għall-fini tal-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, l-uniku każ ta' referenza s'issa kien is-sentenza *Raugevicius* ([14]). Bħalissa, hemm każ ieħor pendenti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar talba għal estradizzjoni għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja ([15]).

### 1.1. **Talbiet għall-estradizzjoni għall-fini tat-twettiq ta' prosekuzzjoni kriminali**

#### ***Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2016, Petruhhin, C-182/15*** ([16])

Is-sentenza *Petruhhin* hija l-ewwel każ li fih il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru tal-UE meta jiffaċċja talba għal estradizzjoni minn Stat terz dwar ċittadin ta' Stat Membru ieħor tal-UE huwa obbligat li jibda proċedura ta' konsultazzjoni mal-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin tal-UE, u b'hekk dan tal-aħħar jingħata l-opportunità li jwettaq prosekuzzjoni kontra ċ-ċittadin tiegħu permezz ta' MAE.

([11]) ĠU C 419, 4.12.2020, p. 23.

([12]) Id-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2017, *Schotthöfer & Steiner vs Adelsmayr*, C-473/15, ECLI:EU:C:2017:633, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' April 2018, *Pisciotti*, C-191/16, ECLI:EU:C:2018:222; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Novembru 2018, *Raugevicius*, C-247/17, ECLI:EU:C:2018:898; is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' April 2020, *Ruska Federacija*, C-897/19 PPU, ECLI:EU:C:2020:262 u s-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2020, *Generalstaatsanwaltschaft Berlin*, C-398/19, ECLI:EU:C:2020:1032.

([13]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2016, *Petruhhin*, C-182/15, ECLI:EU:C:2016:630.

([14]) Is-sentenza tat-13 ta' Novembru 2018, *Raugevicius*, C-247/17, ECLI:EU:C:2018:898.

([15]) Il-Kawża C-237/21, *Generstaatsanwaltschaft München*.

([16]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2016, *Petruhhin*, C-182/15, ECLI:EU:C:2016:630.

*Il-fatti tal-kawża*

Il-każ kien relatat ma' talba għal estradizzjoni maħruġa mill-awtoritajiet Russi lil-Latvja fir-rigward ta' ċittadin Estonjan, is-Sur Petruhhin, akkużat b'tentattiv ta' traffikar tad-droga organizzat fuq skala kbira. L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tar-Repubblika tal-Latvja awtorizza l-estradizzjoni lejn ir-Russja. Madankollu, is-Sur Petruhhin ippreżenta rikors kontra d-deċiżjoni ta' estradizzjoni fuq il-bażi li, skont it-trattat bejn ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika tal-Latvja u r-Repubblika tal-Litwanja dwar l-assistenza ġudizzjarja u r-relazzjonijiet ġudizzjarji, huwa kien igawdi mill-istess drittijiet fil-Latvja bħal ċittadin tal-Latvja, inkluża l-protezzjoni minn estradizzjoni mhux ġustifikata.

*Id-domandi preliminari*

Il-Qorti Suprema Latvjana staqsiet lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk, għall-finijiet tal-applikazzjoni ta' ftehim ta' estradizzjoni konkluż bejn Stat Membru u Stat mhux Membru (il-Latvja u r-Russja), iċ-ċittadini ta' Stat Membru ieħor għandhomx jibbenefikaw, fid-dawl tal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni minħabba ċittadinanza skont l-Artikolu 18 tat-TFUE u d-dritt għall-moviment liberu u għar-residenza taċ-ċittadini tal-Unjoni skont l-Artikolu 21(1) tat-TFUE, mir-regola li tipprojbixxi l-estradizzjoni mill-Istat Membru rikjest taċ-ċittadini tiegħu stess. Il-Qorti Suprema Latvjana staqsiet ukoll jekk l-Istat Membru rikjest (jiġifieri, l-Istat Membru li minnu Stat mhux membru jitlob l-estradizzjoni ta' ċittadin ta' Stat Membru ieħor, f'dan il-każ il-Latvja) għandux jivverifika (u, jekk ikun meħtieġ, skont liema kriterji) li l-estradizzjoni mhux se tippreġudika d-drittijiet protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ([17]) (il-Karta).

*Raġunament u risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Fuq bażi preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li, għalkemm ir-regoli dwar l-estradizzjoni fil-prinċipju jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, fejn ma hemm l-ebda ftehim internazzjonali bejn l-Unjoni Ewropea u l-pajjiż terz ikkonċernat, sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-proċedimenti ewlenin xorta waħda taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tat-TFUE, peress li tinvolvi l-eżerċizzju tal-libertà ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri, kif mogħti mill-Artikolu 21 tat-TFUE.

Stat Membru ma huwiex meħtieġ jagħti lil kull ċittadin tal-Unjoni li jkun iċċaqlaq fit-territorju tiegħu l-istess protezzjoni kontra l-estradizzjoni bħal dik mogħtija liċ-ċittadini tiegħu stess.

Fin-nuqqas ta' regoli tad-dritt tal-UE li jirregolaw l-estradizzjoni bejn l-Istati Membri u Stat terz, huwa madankollu meħtieġ, sabiex jiġi miġġieled ir-riskju ta' impunità filwaqt li fl-istess ħin jiġu ssalvagwardjati ċ-ċittadini tal-UE minn miżuri li jistgħu jċaħħduhom mid-dritt għal-libertà tal-moviment, li jiġu implimentati l-mekkaniżmi kollha ta' kooperazzjoni u assistenza reċiproka previsti fil-qasam kriminali skont id-dritt tal-UE. Konsegwentement, l-iskambju ta' informazzjoni mal-Istat Membru li tiegħu l-persuna kkonċernata hija ċittadin għandu jingħata prijorità sabiex l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru jkollhom, sa fejn ikollhom ġuriżdizzjoni, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, jiftħu proċeduri kontra dik il-persuna għal reati mwettqa barra mit-territorju tagħhom, l-opportunità li joħorġu MAE għall-finijiet ta' prosekuzzjoni. Meta jikkoopera kif xieraq mal-Istat Membru li tiegħu l-persuna kkonċernata tkun ċittadin u jagħti prijorità lil dak il-MAE potenzjali fuq it-talba għal estradizzjoni, l-Istat Membru ospitanti jaġixxi b'mod li jkun anqas ta' preġudizzju għall-eżerċizzju tal-libertà ta' moviment filwaqt li jevita, kemm jista' jkun, ir-riskju ta' impunità. Il-mandat ta' arrest Ewropew jitqies bħala ugwalment effettiv bħall-estradizzjoni fil-kisba tal-objettiv tal-prevenzjoni tar-riskju ta' impunità għal persuna li allegatament wettqet reat kriminali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat ukoll li meta Stat Membru jirċievi talba minn Stat terz għall-estradizzjoni ta' ċittadin ta' Stat Membru ieħor, l-Istat Membru rikjest irid jivverifika li l-estradizzjoni mhux se tippreġudika d-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 19 tal-Karta ([18]). Sa fejn l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjest ikollha evidenza ta' riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti ta' individwi fl-Istat terz ikkonċernat, hija marbuta li tivvaluta l-eżistenza ta' dak ir-riskju meta tiddeċiedi dwar it-talba għal estradizzjoni. Għal dak il-għan, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjest trid tiddependi fuq informazzjoni li tkun oġġettiva, affidabbli, speċifika u aġġornata kif xieraq. Dik l-informazzjoni tista' tinkiseb minn, fost l-oħrajn, sentenzi ta' qrati internazzjonali, bħal sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, sentenzi ta' qrati tal-Istat mhux membru kkonċernat, u wkoll deċiżjonijiet, rapporti u dokumenti oħrajn prodotti minn korpi tal-Kunsill tal-Ewropa jew taħt il-patroċinju tan-Nazzjonijiet Uniti.

([17]) ĠU C 202, 7.6.2016, p. 389.

([18]) L-Artikolu 19(2) tal-Karta jipprovdi: "Ħadd ma jista' jitneħħa, jitkeċċa jew jkun estradit lejn Stat fejn hemm riskju serju li jkun soġġett għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni jew trattamenti oħra inumani jew degradanti."

***Id-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2017, Schotthöfer & Steiner vs Adelsmayr, C- 473/15*** [19]

Fid-digriet *Schotthöfer & Steiner vs Adelsmayr,* il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet ir-raġunament mis-sentenza *Petruhhin* li l-Karta tapplika fejn ċittadin tal-Unjoni jkun għamel użu mid-dritt tiegħu li jiċċaqlaq liberament fl-Unjoni billi jiċċaqlaq mill-Istat Membru li tiegħu jkun ċittadin lejn Stat Membru ieħor. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li talba għal estradizzjoni trid tiġi miċħuda mill-Istat Membru rikjest fejn ikun hemm riskju serju li dak iċ-ċittadin ikun soġġett għall-piena tal-mewt fil-każ ta' estradizzjoni.

*Il-fatti tal-kawża*

Is-Sur Adelsmayr kien ipprattika bħala anestetista u tabib tal-kura intensiva għal għadd ta' snin sa mill-2004. Fi Frar 2009, wieħed mill-pazjenti li s-Sur Adelsmayr kien qed jittratta fl-Emirati Għarab Magħquda, li kien f'kundizzjoni serja u li kien ġarrab diversi attakki tal-qalb, miet wara operazzjoni u wara li sofra attakk tal-qalb ieħor. Is-Sur Adelsmayr kien ingħata t-tort għall-mewt tiegħu. Wara li tressaq ilment minn tabib tal-isptar fejn kien qed jipprattika s-Sur Adelsmayr, twettqet investigazzjoni. Ir-rapport ta' dik l-investigazzjoni stabbilixxa qtil volontarju u omiċidju kolpevoli. Fl-2011, bdew proċedimenti fl-Emirati Għarab Magħquda, li matulhom is-servizz tal-prosekuzzjoni pubblika talab il-piena tal-mewt għas-Sur Adelsmayr. Fl-2012, madankollu, huwa telaq mill-Emirati Għarab Magħquda. Fl-assenza tiegħu, huwa ġie kkundannat għall-ħabs għal għomru fi proċedimenti interim li setgħu jitkomplew fi kwalunkwe ħin u li fihom huwa xorta jkun għadu soġġett għall-piena tal-mewt.

Ġew stabbiliti wkoll proċedimenti kriminali kontra s-Sur Adelsmayr fl-istat tan-nazzjonalità tiegħu — fl-Awstrija, li kienu jinvolvu l-istess akkużi bħal dawk ippreżentati kontrih fl-Emirati Għarab Magħquda. Madankollu, fl-2014, dawk il-proċedimenti ma tkomplewx mill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Awstrijak, li ddikjara li "l-konvenut seta' jippreżenta każ *prima facie* sabiex juri li l-proċedimenti mressqa f'Dubai dehru li kienu mmotivati minn kampanja ta' mibegħda kontrih".

*Id-domandi rrinvjati*

Il-qorti tar-rinviju għamlet għadd ta' mistoqsijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja; madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja tat risposta biss għall-mistoqsija dwar l-Artikoli 19(2) u 47 [20] tal-Karta. B'din il-mistoqsija, il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk iż-żewġ artikoli għandhomx jiġu interpretati bħala li jfissru li Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jeħtieġlu jirrifjuta talba għall-estradizzjoni li toriġina minn Stat mhux Membru rigward ċittadin tal-UE li jirrisjedi fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, sa fejn il-proċeduri kriminali li taw lok għat-talba għall-estradizzjoni u d-deċiżjoni mogħtija *in absentia* fl-Istat mhux Membru ma rrispettawx l-istandard minimu tad-dritt internazzjonali u l-prinċipji mhux obbligatorji tal-ordni pubbliku tal-Unjoni Ewropea jew id-dritt għal proċess ġust.

*Raġunament u risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret li d-dispożizzjonijiet tal-Karta u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha huma applikabbli għal deċiżjoni ta' Stat Membru li jestradixxi ċittadin tal-Unjoni, f'sitwazzjoni fejn dak iċ-ċittadin ikun għamel użu mid-drittijiet tiegħu li jiċċaqlaq liberament fl-Unjoni. Hija sostniet li l-Artikolu 19(2) tal-Karta jrid jiġi interpretat fis-sens li talba għal estradizzjoni li toriġina minn Stat mhux Membru, li tikkonċerna ċittadin tal-Unjoni li, fl-eżerċitar tal-libertà ta' moviment tiegħu, iħalli l-Istat Membru tal-oriġini tiegħu sabiex jirrisjedi fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, trid tiġi miċħuda mill-Istat Membru tal-aħħar fejn dak iċ-ċittadin ikun jinsab f'riskju serju li jiġi suġġett għall-piena tal-mewt fil-każ ta' estradizzjoni. Għalhekk, ma kienx meħtieġ li tiġi eżaminata d-domanda f'dak li jirrigwarda l-Artikolu 47 tal-Karta.

[19] Id-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2017, Schotthöfer & Steiner vs Adelsmayr, C-473/15, ECLI:EU:C:2017:633.

[20] L-Artikolu 47 tal-Karta jipprovdi: "Kull persuna li d-drittijiet u l-libertajiet tagħha garantiti mil-liġi tal-Unjoni jiġu vjolati għandha d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti skont il-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
Kull persuna għandha d-dritt għal smigħ ġust u pubbliku fi żmien raġonevoli minn qorti indipendenti u imparzjali, stabbilita minn qabel bil-liġi. Kull persuna għandu jkollha l-possibbiltà li tieħu parir, ikollha difiża u tkun irrappreżentata.
Għandha tingħata għajnuna legali lil dawk li ma jkollhomx mezzi biżżejjed, fil-każijiet fejn din l-għajnuna hija meħtieġa sabiex jiġi żgurat aċċess effettiv għall-ġustizzja."

***Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' April 2018, Pisciotti, C-191/16*** ([21])

Fid-deċiżjoni tagħha fis-sentenza *Pisciotti*, il-Qorti tal-Ġustizzja applikat ir-raġunament mis-sentenza *Petruhhin* għal sitwazzjoni fejn kien hemm ftehim ta' estradizzjoni fis-seħħ bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istat terz li talab l-estradizzjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru ma huwiex meħtieġ li jestendi projbizzjoni li jestradixxi liċ-ċittadini tiegħu lejn l-Istati Uniti għal kull ċittadin tal-UE li jivvjaġġa fit-territorju tiegħu. Madankollu, qabel ma jestradixxi ċittadin tal-UE, Stat Membru rikjest jeħtieġlu jqiegħed lill-Istat Membru tan-nazzjonalità taċ-ċittadin f'pożizzjoni li jitlob il-konsenja ta' dak iċ-ċittadin permezz ta' MAE.

*Il-fatti tal-kawża*

Fl-2010, qorti tal-Istati Uniti ħarġet mandat ta' arrest kontra s-Sur Pisciotti, ċittadin Taljan. Is-Sur Pisciotti ġie arrestat fil-Ġermanja, meta t-titjira tiegħu min-Niġerja lejn l-Italja għamlet waqfa f'ajruport Ġermaniż. Huwa tqiegħed f'detenzjoni proviżorja sakemm ġie ċedut u fl-2014, l-estradizzjoni tiegħu ġiet approvata minn qorti Ġermaniża. L-awtoritajiet konsulari tal-Italja nżammu informati bis-sitwazzjoni tas-Sur Pisciotti qabel ma ntlaqgħet it-talba għall-estradizzjoni iżda l-awtoritajiet ġudizzjarji Taljani ma ħarġux MAE. Qabel ma ġie estradit, is-Sur Pisciotti ddikjara li l-estradizzjoni tiegħu kienet tmur kontra d-dritt tal-UE peress li l-Artikolu 16(2) tal-Liġi Bażika Ġermaniża jikser il-projbizzjoni ġenerali ta' diskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità billi jillimita l-eċċezzjoni tan-nazzjonalità tiegħu għal ċittadini Ġermaniżi.

*Id-domandi rrinvjati*

Il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk l-Artikolu 18 tat-TFUE għandux jiġi interpretat bħala li jipprekludi lill-Istat Membru rikjest milli jagħmel distinzjoni, abbażi ta' regola tad-dritt kostituzzjonali, bejn iċ-ċittadini tiegħu u ċ-ċittadini ta' Stati Membri oħrajn u milli jikkonċedi l-estradizzjoni ta' dawn tal-aħħar filwaqt li ma jippermettix l-estradizzjoni taċ-ċittadini tiegħu stess.

*Raġunament u risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li d-dritt tal-UE ma jipprekludix lill-Istat Membru rikjest (il-Ġermanja) milli jagħmel distinzjoni, abbażi ta' regola tad-dritt kostituzzjonali, bejn iċ-ċittadini tiegħu u ċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra u milli jikkonċedi l-estradizzjoni taċ-ċittadin tal-UE filwaqt li jipprojbixxi l-estradizzjoni taċ-ċittadini tiegħu stess, dment li l-Istat Membru rikjest kien qiegħed lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li tiegħu ċ-ċittadin kien ċittadin (l-Italja) f'pożizzjoni li jitolbu ċ-ċediment ta' dak iċ-ċittadin permezz ta' MAE u li dan l-aħħar imsemmi Stat Membru ma jkun ħa l-ebda azzjoni f'dak ir-rigward.

Il-Qorti tal-Ġustizzja segwiet l-istess raġunament kif żviluppat fis-sentenza *Petruhhin*, li tiddikjara li dan għandu jitqies applikabbli wkoll għal ftehim internazzjonali bejn l-UE u Stat terz (il-Ftehim dwar l-estradizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka ([22])) li jippermetti lil Stat Membru, abbażi ta' waħda mid-dispożizzjonijiet ta' trattat bilaterali jew ta' regoli tal-liġi kostituzzjonali tiegħu (bħal-Liġi Bażika Ġermaniża), jipprovdi għal eċċezzjoni tan-nazzjonalità.

Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat ukoll li sabiex jiġi ssalvagwardjat l-objettiv li jiġi evitat ir-riskju ta' impunità għall-persuna kkonċernata fir-rigward tar-reati allegati kontrih jew kontriha fit-talba għal estradizzjoni, MAE maħruġ minn Stat Membru għajr l-Istat Membru rikjest, irid, tal-anqas, ikun relatat mal-istess reati u l-Istat Membru tan-nazzjonalità jeħtieġlu jkollu ġuriżdizzjoni, skont il-liġi nazzjonali, sabiex iwettaq il-prosekuzzjoni kontra dik il-persuna għal tali reati, anke jekk jitwettqu barra mit-territorju tiegħu.

***Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' April 2020, Ruska Federacija, C-897/19 PPU*** ([23])

Fis-sentenza *Ruska Federacija*, il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li l-mekkaniżmu *Petruhhin* japplika *mutatis mutandis* għal talbiet għall-estradizzjoni li jikkonċernaw ċittadini tal-Istati tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles (EFTA) li magħhom l-UE kkonkludiet ftehim ta' konsenja, jiġifieri l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-proċedura ta' konsenja bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda u n-Norveġja ([24]).

([21]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' April 2018, *Pisciotti*, C-191/16, ECLI:EU:C:2018:222.
([22]) Il-ftehim dwar l-estradizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika (ĠU L 181, 19.7.2003, p. 27).
([23]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' April 2020, *Ruska Federacija*, C-897/19 PPU, ECLI:EU:C:2020:262.
([24]) ĠU L 292, 21.10.2006, p. 2.

*Il-fatti tal-kawża*

Fl-2015, I.N., ċittadin Russu, kien is-suġġett ta' avviż internazzjonali dwar persuni mfittxija ppubblikat mill-uffiċċju tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Pulizija Kriminali (Interpol) f'Moska. Fuq il-bażi ta' dan l-avviż, I.N., li sadanittant kien kiseb nazzjonalità Iżlandiża, ġie arrestat fil-Kroazja fl-2019, fejn kien qiegħed fuq btala. L-awtoritajiet Kroati rċevew talba għal estradizzjoni mir-Russja, li kienet awtorizzata minn qorti Kroata. Il-liġi Kroata tipprevedi eċċezzjoni tan-nazzjonalità fir-rigward tat-talbiet għall-estradizzjoni. I.N. ressaq appell quddiem il-Qorti Suprema tal-Kroazja, u kkontesta d-deċiżjoni li tawtorizza l-estradizzjoni.

*Domanda preliminari*

Il-Qorti Suprema tal-Kroazja talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja essenzjalment jekk il-mekkaniżmu *Petruhhin* japplikax ukoll f'sitwazzjoni li tikkonċerna persuna li ma hijiex ċittadin tal-UE, iżda li hija ċittadin ta' Stat tal-EFTA, bħall-Iżlanda, li hija parti fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-Ftehim dwar iż-ŻEE).

*Raġunament u risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Preliminarjament, il-Qorti tal-Ġustizzja indirizzat il-kwistjoni dwar jekk is-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' Stat tal-EFTA li huwa parti fil-Ftehim dwar iż-ŻEE taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE. Hija fakkret li l-Artikoli 18 u 21 tat-TFUE ma japplikawx għaċ-ċittadini ta' Stati terzi. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 36 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE, li jifforma parti integrali mid-dritt tal-UE, jiggarantixxi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, b'mod li huwa identiku, essenzjalment, għall-Artikolu 56 tat-TFUE, inkluż id-dritt li wieħed jivvjaġġa lejn Stat ieħor sabiex jirċievi servizzi hemmhekk. Fuq din il-bażi, is-sitwazzjoni ta' I.N., li mar il-Kroazja sabiex iqatta' l-vaganzi tiegħu u b'hekk jirċievi servizzi relatati mat-turiżmu, kellha titqies li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE.

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-Iżlanda għandha relazzjoni speċjali mal-Unjoni Ewropea, li tmur lil hinn mill-kooperazzjoni ekonomika u kummerċjali. Hija timplimenta u tapplika l-acquis ta' Schengen, tipparteċipa fis-sistema Ewropea komuni tal-ażil u kkonkludiet Ftehim dwar il-proċedura ta' konsenja mal-Unjoni Ewropea.

Fir-rigward tat-talba għall-estradizzjoni, kif diġà ġie stabbilit fis-sentenza *Petruhhin*, l-Istat Membru rikjest jeħtieġlu l-ewwel nett jivverifika, f'konformità mal-Artikolu 19(2) tal-Karta, li fil-każ ta' estradizzjoni, il-persuna kkonċernata ma tkunx f'riskju li tkun soġġetta għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni jew trattamenti oħra inumani jew degradanti. Għall-finijiet ta' din il-verifika, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjest trid tiddependi fuq informazzjoni li tkun oġġettiva, affidabbli, speċifika u aġġornata kif xieraq. Fil-kuntest ta' dik il-verifika, il-Qorti tal-Ġustizzja żiedet li biċċa evidenza partikolarment sostanzjali hija l-fatt li l-persuna kkonċernata, qabel ma kisbet in-nazzjonalità tal-Istat tal-EFTA kkonċernat, ingħatat ażil minn dak l-Istat, preċiżament minħabba l-proċedimenti kriminali li huma l-bażi tat-talba għal estradizzjoni.

Qabel ma jikkunsidra t-twettiq tat-talba għall-estradizzjoni, l-Istat Membru rikjest huwa obbligat, fi kwalunkwe każ, jinforma lil dak l-istess Stat tal-EFTA u, jekk dak l-Istat hekk jitlob, jikkonsenja dak iċ-ċittadin lilu, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-ftehim ta' konsenja, sakemm dak l-Istat tal-EFTA jkollu ġuriżdizzjoni, skont il-liġi nazzjonali tiegħu, sabiex iwettaq il-prosekuzzjoni ta' dik iċ-ċittadin għal reati mwettqa barra mit-territorju nazzjonali tiegħu.

### ***Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 2020, Generalstaatsanwaltschaft Berlin, C-398/19*** [25]

Fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-398/19 *Generalstatswaltschaft Berlin*, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat aktar ir-rekwiżiti tal-mekkaniżmu ta' kooperazzjoni kif żviluppat fis-sentenza *Petruhhin*. Il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li ċittadin tal-Unjoni jista' jiġi estradit lejn Stat terz biss wara konsultazzjoni mal-Istat Membru li tiegħu dak iċ-ċittadin ikollu n-nazzjonalità. Bħala parti minn dik il-konsultazzjoni, l-Istat Membru tan-nazzjonalità jeħtieġlu jiġi infurmat mill-Istat Membru li minnu tintalab l-estradizzjoni bl-elementi kollha ta' fatt u ta' liġi kkomunikati fit-talba għal estradizzjoni u jrid jingħata żmien raġonevoli sabiex jinħareġ mandat ta' arrest fir-rigward ta' dak iċ-ċittadin. Barra minn hekk, fil-każ li fih l-Istat Membru tan-nazzjonalità ma jiħux formalment deċiżjoni dwar il-ħruġ ta' MAE, l-Istat Membru rikjest ma huwiex obbligat li jirrifjuta l-estradizzjoni ta' ċittadin tal-Unjoni li jkun ċittadin ta' Stat Membru ieħor, u li huwa stess iwettaq il-prosekuzzjoni kriminali ta' dik il-persuna għal reati mwettqa fi Stat terz,

---

[25] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 2020, *Generalstaatsanwaltschaft Berlin (Estradizzjoni lejn l-Ukrajna)*, C-398/19, ECLI:EU:C:2020:1032.

*Il-fatti tal-kawża*

L-Ukrajna talbet l-estradizzjoni mill-Ġermanja ta' ċittadin Ukren li kien mar il-Ġermanja fl-2012. Il-persuna kkonċernata, BY, kisbet nazzjonalità Rumena fl-2014, peress li hija dixxendenti ta' ċittadini Rumeni. Madankollu, qatt ma kien residenti fir-Rumanija. Fl-2016, inħareġ mandat ta' arrest kontrih minn qorti kriminali tal-Ukrajna għal miżappropriazzjoni ta' fondi fl-2010 u fl-2011. Wara t-talba għal estradizzjoni, BY ġie arrestat fil-Ġermanja. Fid-dawl tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu *Petruhhin*, l-awtoritajiet Ġermaniżi kkuntattjaw lill-Ministeru tal-Ġustizzja Rumen, u talbu jekk kinux bihsiebhom imexxu l-prosekuzzjoni kriminali ta' BY huma stess. L-awtoritajiet Rumeni infurmaw lill-awtoritajiet Ġermaniżi li sabiex joħorġu MAE kienet meħtieġa evidenza suffiċjenti dwar it-twettiq tar-reati barra mill-pajjiż. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Rumeni talbu lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali f'Berlin sabiex jipprovdi dokumenti u kopji tal-evidenza mill-Ukrajna. Minħabba li l-awtoritajiet ġudizzjarji Rumeni ma ħadux deċiżjoni formalment dwar il-ħruġ possibbli ta' MAE, il-qorti tar-rinviju Ġermaniża ppreżentat talba għal deċiżjoni preliminari bi tliet domandi dwar l-interpretazzjoni tal-Artikoli 18 u 21 tat-TFUE u dwar l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu *Petruhhin*.

*Domandi preliminari*

Il-qorti tar-rinviju staqsiet jekk:

— id-drittijiet li jirriżultaw miċ-ċittadinanza tal-Unjoni (l-Artikoli 18 u 21 tat-TFUE) japplikawx f'sitwazzjoni fejn il-persuna kkonċernata ċaqalqet iċ-ċentru tal-interessi tagħha lejn l-Istat Membru rikjest fi żmien meta ma kinitx ċittadin tal-Unjoni;

— huwiex l-Istat Membru tan-nazzjonalità jew inkella l-Istat Membru rikjest li huwa obbligat jitlob li l-Istat terz rikjedenti jipprovdi l-fajls tal-każ sabiex jeżamina jekk għandux imexxi l-prosekuzzjoni kriminali huwa stess;

— l-Istat Membru rikjest huwiex obbligat, fuq il-bażi tas-sentenza *Petruhhin*, li jirrifjuta l-estradizzjoni u li jmexxi l-prosekuzzjoni kriminali huwa stess, jekk ikun possibbli għalih li jagħmel dan skont il-liġi nazzjonali tiegħu taħt ċerti kundizzjonijiet.

*Ir-raġunament u r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Fir-rigward tal-ewwel domanda dwar l-applikabbiltà tal-Artikoli 18 u 21 tat-TFUE, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li persuna tkun akkwistat in-nazzjonalità ta' Stat Membru tal-UE, u għalhekk iċ-ċittadinanza tal-Unjoni, fi żmien meta kienet diġà qiegħda tirrisjedi fi Stat Membru ieħor ma hijiex kapaċi tinvalida l-kunsiderazzjoni li bis-saħħa taċ-ċittadinanza tal-Unjoni akkwiżita, il-persuna hija intitolata li tinvoka l-Artikolu 21(1) tat-TFUE, u taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattati, skont it-tifsira tal-Artikolu 18 tat-TFUE, li jistabbilixxi l-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni abbażi tan-nazzjonalità. Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat ukoll li dak l-istess raġunament japplika meta ċ-ċittadin tal-Unjoni rikjest ikollu wkoll in-nazzjonalità tal-Istat terz li jitlob l-estradizzjoni: il-fatt li tkun tinżamm ċittadinanza doppja ma jistax iċaħħad lill-persuna kkonċernata mil-libertajiet li jirriżultaw mid-dritt tal-UE bħala ċittadin ta' Stat Membru.

Fir-rigward tat-tieni domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja tenniet il-linja ta' interpretazzjoni tal-ġurisprudenza preċedenti tagħha, filwaqt li enfasizzat li l-Istat Membru rikjest għandu obbligu li jinforma lill-Istat Membru tan-nazzjonalità sabiex l-awtorità ġudizzjarja ta' dak l-Istat Membru tkun f'pożizzjoni li titlob il-konsenja tal-persuna kkonċernata permezz ta' MAE. Fir-rigward tad-dettalji tal-iskambju ta' informazzjoni meħtieġ, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li:

— l-Istat Membru rikjest jeħtieġlu jinforma lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tan-nazzjonalità mhux biss dwar l-eżistenza tat-talba għal estradizzjoni, iżda wkoll dwar il-kwistjonijiet kollha ta' fatt u liġi kkomunikati mill-Istat terz li jitlob estradizzjoni fil-kuntest ta' dik it-talba għal estradizzjoni;

— l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tan-nazzjonalità huma marbuta li jirrispettaw il-kunfidenzjalità ta' tali kwistjonijiet fejn tkun intalbet il-kunfidenzjalità mill-Istat terz;

— l-Istat Membru rikjest jeħtieġlu jżomm lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tan-nazzjonalità informati bi kwalunkwe bidla fis-sitwazzjoni tal-persuna rikjesta li tista' tkun rilevanti għall-possibbiltà li jinħareġ MAE fir-rigward ta' dik il-persuna;

— ma hemm l-ebda obbligu la għall-Istat Membru rikjest u lanqas għall-Istat Membru tan-nazzjonalità li jagħmel talba lill-Istat terz għat-trażmissjoni tal-fajl ta' investigazzjoni kriminali;

— huwa l-kompitu tal-Istat Membru rikjest li jistabbilixxi limitu ta' żmien raġonevoli li mal-iskadenza tiegħu, jekk l-Istat Membru tan-nazzjonalità ma jkunx ħareġ MAE, tista' titwettaq l-estradizzjoni;

— l-Istat Membru rikjest jista' jwettaq l-estradizzjoni mingħajr ma jkun obbligat jistenna għal aktar minn żmien raġonevoli, sabiex l-Istat Membru tan-nazzjonalità jadotta deċiżjoni formali li tneħħi d-dritt li joħroġ MAE fir-rigward tal-persuna kkonċernata.

Fl-aħħar nett, b'risposta għat-tielet domanda, il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat li skont id-dritt tal-UE, l-Istat Membru rikjest ma għandu l-ebda obbligu li jirrifjuta l-estradizzjoni u li jwettaq huwa stess il-prosekuzzjoni taċ-ċittadin tal-UE għar-reati mwettqa fl-Istat terz, meta l-liġi nazzjonali tal-Istat Membru rikjest tippermetti li jagħmel dan. Dan imur lil hinn mil-limiti li d-dritt tal-UE jista' jimponi fuq l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni li jgawdi dak l-Istat Membru fir-rigward tad-deċiżjoni dwar jekk issirx prosekuzzjoni kriminali jew le.

## Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 2021, *Petruhhin*, C-505/19 ([26])

Il-prinċipju ta' *ne bis in idem* jista' jipprekludi l-arrest, fiż-Żona Schengen u fl-Unjoni Ewropea, ta' persuna li tkun is-suġġett ta' avviż tal-Interpol. Dan huwa l-każ fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu konxji minn deċiżjoni ġudizzjarja finali, meħuda fi Stat li jkun parti fil-Ftehim ta' Schengen jew Stat Membru, li jistabbilixxi li japplika dak il-prinċipju.

*Il-fatti tal-kawża*

Fl-2012, Interpol ippubblikat, fuq talba tal-Istati Uniti abbażi ta' mandat ta' arrest maħruġ mill-awtoritajiet ta' dak il-pajjiż, avviż aħmar fir-rigward ta' WS, ċittadin Ġermaniż, bil-ħsieb tal-estradizzjoni potenzjali tiegħu. Meta persuna li tkun is-suġġett ta' avviż bħal dan tkun tinsab fi Stat affiljat fl-Interpol, dak l-Istat jista', fil-prinċipju, jarresta b'mod proviżorju lil dik il-persuna jew jimmonitorja jew jirrestrinġi l-movimenti tagħha.

Madankollu, qabel ma ġie ppubblikat dak l-avviż aħmar, fil-Ġermanja twettqet proċedura li tinvestiga l-WS, li tal-anqas kienet parzjalment relatata mal-istess atti bħal dawk li ffurmaw il-bażi għal dak l-avviż. Dik il-proċedura twaqqfet b'mod definittiv fl-2010 wara li tħallset somma ta' flus minn WS bħala parti minn proċedura speċifika ta' saldu prevista skont il-liġi kriminali Ġermaniża. L-Uffiċċju Federali tal-Pulizija Kriminali tal-Ġermanja sussegwentement informa lill-Interpol li, fil-fehma tiegħu, bħala riżultat ta' dik il-proċedura preċedenti l-prinċipju ta' *ne bis in idem* kien applikabbli f'dan il-każ. Dak il-prinċipju, li huwa minqux fl-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen (Convention implementing the Schengen Agreement, CISA) kif ([27]) ukoll fl-Artikolu 50 tal-Karta, jipprojbixxi, *inter alia*, li persuna li l-proċess tagħha jkun ingħalaq b'mod finali terġa' tiġi suġġetta għal prosekuzzjoni għall-istess reat.

Fl-2017, WS ressaq azzjoni kontra l-Ġermanja quddiem il-Qorti Amministrattiva ta' Wiesbaden, sabiex il-Ġermanja tiġi ordnata tieħu l-miżuri meħtieġa għall-irtirar ta' dak l-avviż aħmar. F'dak ir-rigward, WS invoka mhux biss ksur tal-prinċipju ta' *ne bis in idem*, iżda wkoll ksur tad-dritt tiegħu għal moviment liberu, kif garantit skont l-Artikolu 21 tat-TFUE, peress li ma setax jivvjaġġa lejn kwalunkwe Stat li huwa parti għall-Ftehim ta' Schengen jew lejn kwalunkwe Stat Membru mingħajr ma jkun f'riskju li jiġi arrestat.

*Domanda preliminari*

Il-qorti tar-rinviju għamlet għadd ta' mistoqsijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, il-mistoqsija ewlenija li hija rilevanti fil-kuntest ta' estradizzjoni wara avviż aħmar hija jekk l-Artikolu 54 ([28]) tal-KIFS u l-Artikolu 21(1) tat-TFUE, moqrija fid-dawl tal-Artikolu 50 ([29]) tal-Karta għandhomx jiġu interpretati bħala li jipprekludu l-arrest proviżorju, mill-awtoritajiet ta' Stat li jkun parti għall-Ftehim ta' Schengen jew minn dawk ta' Stat Membru, ta' persuna li fir-rigward tagħha l-Interpol tkun ippubblikat avviż aħmar, fuq talba ta' Stat terz, fil-każ fejn, l-ewwel nett, dik il-persuna diġà kienet is-suġġett ta' proċedimenti kriminali fi Stat Membru li ma tkomplewx mill-prosekutur pubbliku wara li l-persuna kkonċernata ssodisfat ċerti kundizzjonijiet u, it-tieni, l-awtoritajiet ta' dak l-Istat Membru jkunu infurmaw lill-Interpol li, fl-opinjoni tagħhom, dawk il-proċedimenti huma relatati mal-istess atti bħal dawk koperti minn dak l-avviż aħmar.

---

([26]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 2021, *WS*, C-505/19, ECLI:EU:C:2021:376.

([27]) Il-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen tal-14 ta' Ġunju 1985 bejn il-Gvernijiet tal-Istati tal-Unjoni Ekonomika tal-Benelux, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża dwar it-tneħħija bil-mod ta' kontrolli fil-fruntieri komuni tagħhom (ĠU L 239, 22.9.2000, p. 19).

([28]) L-Artikolu 54 tal-KIFS jipprovdi: "Persuna li l-każ tagħha jkun inqata' b'mod finali f'waħda mill-Partijiet Kontraenti ma tistax tiġi suġġetta għall-prosekuzzjoni f'Parti Kontraenti oħra għall-istess azzjonijiet sakemm, jekk tkun ġiet imposta penali, din tkun ġiet infurzata, tkun preżentament fil-proċess li tiġi infurzata jew ma tkunx tista' tiġi infurzata iżjed taħt il-liġijiet tal-Parti Kontraenti fejn tkun ingħatat is-sentenza."

([29]) L-Artikolu 50 tal-Karta jipprovdi: ""L-ebda persuna ma tista' terġa' tkun ipproċessata jew ikkundannata għal reat li għalih tkun diġà instabet mhux ħatja jew ikkundannata fl-Unjoni b'sentenza li daħlet in ġudikat skont il-liġi."

*Ir-raġunament u r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li l-prinċipju ta' *ne bis in idem* japplika f'sitwazzjoni fejn tkun ġiet adottata deċiżjoni li twaqqaf b'mod definittiv proċedimenti kriminali dment li l-persuna kkonċernata tissodisfa ċerti kundizzjonijiet, bħall-ħlas ta' somma ta' flus stabbilita mill-prosekutur pubbliku.

Madankollu, l-Artikolu 54 tal-KIFS, l-Artikolu 50 tal-Karta u l-Artikolu 21(1) tat-TFUE ma jipprekludux l-arrest proviżorju ta' persuna li tkun is-suġġett ta' avviż aħmar tal-Interpol fejn ma jkunx ġie stabbilit li l-proċess ta' dik il-persuna jkun ingħalaq b'mod finali minn Stat li jkun parti għall-Ftehim ta' Schengen jew minn Stat Membru fir-rigward tal-istess atti bħal dawk li jiffurmaw il-bażi tal-avviż aħmar u li, konsegwentement japplika l-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

Meta l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' *ne bis in idem* tibqa' inċerta, l-arrest proviżorju jista' jkun pass essenzjali sabiex jitwettqu l-kontrolli meħtieġa filwaqt li jiġi evitat ir-riskju li l-persuna kkonċernata tista' taħrab. Għalhekk, dik il-miżura tista' tkun iġġustifikata bl-objettiv leġittimu li tiġi evitata l-impunità tal-persuna kkonċernata, "sa fejn dan ikun indispensabbli għall-finijiet ta' dawn il-verifiki" ([30]). Għall-kuntrarju, hekk kif jiġi stabbilit permezz ta' deċiżjoni ġudizzjarja finali li japplika l-prinċipju ta' *ne bis in idem*, kemm il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati li huma partijiet għall-KIFS kif ukoll id-dritt għall-moviment liberu jipprojbixxu lil dik il-persuna milli tiġi arrestata b'mod proviżorju jew milli tinżamm f'kustodja. L-Istati Membri u l-Istati Kontraenti tal-KIFS jeħtiġilhom jiżguraw id-disponibbiltà ta' rimedji legali li jippermettu lill-persuna kkonċernata tikseb tali deċiżjoni ġudizzjarja finali li tistabbilixxi li japplika l-prinċipju ta' *ne bis in idem*.

## 1.2. **Talbiet għall-estradizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' piena jew ordni ta' detenzjoni**

### ***Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Novembru 2018, Raugevicius, C-247/17*** ([31])

Fil-kawża *Raugevicius*, il-Qorti tal-Ġustizzja ttrattat talba għal estradizzjoni għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja segwiet sa ċertu punt ir-raġunament introdott fil-ġurisprudenza *Petruhhin*, b'eżitu differenti. Dan kien meħtieġ peress li l-każijiet li jikkonċernaw l-estradizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' sentenza jistgħu jagħtu lok għal kwistjonijiet ta' *ne bis in idem* jekk il-mekkaniżmu *Petruhhin* kellu japplika ([32]). Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li jeżistu mekkaniżmi taħt il-liġi nazzjonali u/jew internazzjonali li jagħmluha possibbli li l-persuni rikjesti jiskontaw il-pieni tagħhom, b'mod partikolari, fl-Istat Membru li tiegħu huma ċittadini. Pereżempju, il-Konvenzjoni dwar it-Trasferiment ta' Persuni Kkundannati tal-Kunsill tal-Ewropa tal-1983 ([33]) tipprovdi qafas legali għal din il-possibbiltà.

*Il-fatti tal-kawża*

Is-Sur Raugevicius huwa ċittadin Litwan u Russu li ċċaqlaq lejn il-Finlandja u għex hemmhekk għal diversi snin. Huwa wkoll il-missier ta' żewġ tfal residenti fil-Finlandja u li għandhom nazzjonalità Finlandiża. Fl-2011, wara kundanna fir-Russja, l-awtoritajiet Russi ħarġu mandat ta' arrest internazzjonali għall-eżekuzzjoni tas-sentenza ta' kustodja imposta. Sabiex jiddeċiedi dwar it-talba għall-estradizzjoni, il-Ministeru tal-Ġustizzja Finlandiż talab lill-Qorti Suprema tal-Finlandja għal opinjoni. Il-Qorti Suprema ma kinitx ċerta dwar jekk is-sentenza *Petruhhin* tkunx applikabbli u għalhekk iddeċidiet li tressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Il-liġi Finlandiża rilevanti (il-Kostituzzjoni Finlandiża) tipprevedi li sentenza ta' kustodja tista' tiġi infurzata fil-Finlandja jekk il-persuna kkundannata tkun ċittadin Finlandiż jew ċittadin barrani li jirrisjedi b'mod permanenti fil-Finlandja u l-persuna kundannata tkun qablet mal-eżekuzzjoni.

*Domandi preliminari*

Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-Qorti Suprema Finlandiża staqsiet essenzjalment jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-estradizzjoni għandhomx jiġu vvalutati fir-rigward tal-libertà tal-moviment taċ-ċittadini ta' Stat Membru ieħor bl-istess mod, irrispettivament minn jekk it-talba għall-estradizzjoni ta' Stat terz tikkonċernax l-infurzar ta' sentenza ta' kustodja jew prosekuzzjoni bħal fis-sentenza *Petruhhin*. It-tieni domanda staqsiet kif talba għall-estradizzjoni kellha tiġi mwieġba f'sitwazzjoni li fiha t-talba għall-estradizzjoni tiġi nnotifikata lill-Istat Membru tan-nazzjonalità, li, madankollu, minħabba ostakli legali, ma jadottax miżuri dwar iċ-ċittadini tiegħu.

([30]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Mejju 2021, *WS*, C-505/19, ECLI:EU:C:2021:376, il-punt 84.
([31]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Novembru 2018, *Raugevicius*, C-247/17, ECLI:EU:C:2018:898.
([32]) Peress li l-persuna rikjesta kienet diġà kkundannata fl-Istat terz.
([33]) Il-Konvenzjoni dwar it-Trasferiment ta' Persuni Kundannati (ETS Nru 112).

*Raġunament u risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja*

Il-Qorti tal-Ġustizzja applikat b'analoġija r-raġunament tas-sentenza *Petruhhin*, billi ddikjarat li ċittadin ta' Stat Membru li mar fi Stat Membru ieħor għamel użu mid-dritt tiegħu li jiċċaqlaq liberament fl-Unjoni u għalhekk jaqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 18 tat-TFUE. Iż-żamma ta' ċittadinanza doppja ta' Stat Membru u ta' Stat terz ma tistax iċċaħħad lill-persuna kkonċernata mil-libertajiet li jirriżultaw mid-dritt tal-UE bħala ċittadin ta' Stat Membru.

Regola nazzjonali li tipprojbixxi biss liċ-ċittadini proprji milli jiġu estraditi tintroduċi differenza fit-trattament bejn dawk iċ-ċittadini u ċ-ċittadini ta' Stati Membri oħrajn u twassal għal restrizzjoni tal-moviment liberu skont it-tifsira tal-Artikolu 21 tat-TFUE: tali restrizzjoni trid tkun meħtieġa u proporzjonata fir-rigward tal-objettiv leġittimu tal-prevenzjoni tar-riskju ta' impunità għaċ-ċittadini tal-Istati Membri għajr l-Istat Membru rikjest, u ma għandux ikun hemm miżuri inqas intrużivi sabiex jintlaħaq dak l-objettiv, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi fattwali u legali kollha tal-każ.

Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li f'każijiet ta' talbiet għal estradizzjoni għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' sentenza, il-kunflitt mal-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni ma jistax jiġi solvut billi tingħata l-possibbiltà lill-Istat Membru tan-nazzjonalità li jeżerċita l-ġuriżdizzjoni tiegħu fil-prosekuzzjoni mill-ġdid tal-persuna kkonċernata peress li tali prosekuzzjoni ġdida ta' persuna li diġà tkun ġiet ipproċessata u kkundannata tista' tmur kontra l-prinċipju ta' *ne bis in idem*. Sabiex jiġi evitat ir-riskju ta' impunità ta' persuni f'sitwazzjonijiet bħal dawn, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għal mekkaniżmi oħra tad-dritt nazzjonali u internazzjonali li jagħmluha possibbli għal dawk il-persuni li jiskontaw is-sentenzi tagħhom, pereżempju, fl-Istat tal-oriġini tagħhom, u b'hekk iżidu l-possibbiltajiet tagħhom ta' riintegrazzjoni soċjali wara li jkunu temmew is-sentenzi tagħhom.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat li l-Artikolu 3 tal-Liġi Finlandiża dwar il-Kooperazzjoni Internazzjonali jipprovdi lil barranin li jirrisjedu b'mod permanenti fil-Finlandja bil-possibbiltà li jiskontaw sentenza ta' priġunerija imposta minn Stat terz fil-Finlandja, dment li kemm il-persuna kkonċernata kif ukoll l-Istat terz jagħtu l-kunsens tagħhom għal dan. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja osservat ukoll li s-Sur Raugevicius seta' jiskonta s-sentenza li huwa ngħata fir-Russja fil-Finlandja, dment li kemm ir-Russja kif ukoll is-Sur Raugevicius stess ikunu taw il-kunsens tagħhom għal dan.

Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ċ-ċittadini tal-Istat Membru rikjest, minn naħa, u ċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra li jirrisjedu b'mod permanenti fl-Istat Membru rikjest u li juru ċertu grad ta' integrazzjoni fis-soċjetà ta' dak l-Istat, min-naħa l-oħra, jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli. Huma l-awtoritajiet tal-Istat rikjest li għandhom jistabbilixxu jekk teżistix tali rabta bejn iċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra u l-Istat Membru rikjest. Jekk it-tweġiba tkun fl-affermattiv, l-Artikoli 18 u 21 tat-TFUE jirrikjedu li ċittadini ta' Stati Membri oħra jistgħu, bl-istess kundizzjonijiet bħaċ-ċittadini tal-Istat Membru rikjest, jiskontaw is-sentenza tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru rikjest.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Artikoli 18 u 21 tat-TFUE jridu jiġu interpretati bħala li jfissru li, fejn tkun saret talba għall-estradizzjoni minn Stat terz għal ċittadin tal-UE li jkun eżerċita d-dritt tiegħu ta' moviment liberu, mhux għall-finijiet ta' prosekuzzjoni, iżda għall-finijiet tal-infurzar ta' sentenza ta' kustodja, l-Istat Membru rikjest, li l-liġi nazzjonali tiegħu tipprojbixxi l-estradizzjoni taċ-ċittadini tiegħu għall-finijiet tal-infurzar ta' sentenza u jipprevedi l-possibbiltà li tali sentenza mogħtija barra mill-pajjiż tista' tiġi skontata fit-territorju tiegħu, huwa meħtieġ li jiżgura li dak iċ-ċittadin tal-UE, dment li jirrisjedi b'mod permanenti fit-territorju tiegħu, jirċievi l-istess trattament bħal dak mogħti liċ-ċittadini tiegħu stess fir-rigward tal-estradizzjoni.

**C-237/21 Generalstaatsanwaltschaft München [każ attwalment pendenti]**

*Il-fatti tal-kawża*

Il-każ huwa bbażat fuq it-talba għall-estradizzjoni mill-Bożnija-Ħerzegovina lejn il-Ġermanja rigward S.M. għall-finijiet tal-infurzar ta' sentenza ta' kustodja. Il-persuna li qed tintalab il-konsenja tagħha hija ċittadin tas-Serbja, tal-Bożnija-Ħerzegovina u tal-Kroazja, li għex fil-Ġermanja ma' martu minn nofs l-2017 u li ilu jaħdem fil-Ġermanja minn Mejju tal-2020. Il-*Generalstaatsanwaltschaft München* (Servizz ta' Prosekuzzjoni Pubblika, Munich), li jirreferi għas-sentenza f'*Raugevicius*, talab li jinstab li l-estradizzjoni tal-persuna li qed tintalab il-konsenja tagħha hija inammissibbli.

*Domanda preliminari*

Fid-dawl tat-talba tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, il-qorti tar-rinviju Ġermaniża ddeċidiet li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-prinċipji li jirregolaw l-applikazzjoni tal-Artikoli 18 u 21 tat-TFUE stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza *Raugevicius* jeħtiġux li talba minn Stat terz skont il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni tat-13 ta' Diċembru 1957 ([34]) li titlob l-estradizzjoni ta' ċittadin tal-UE għall-finijiet tal-infurzar ta' sentenza għandhiex tiġi rrifjutata, anke meta l-Istat Membru rikjest ikun obbligat bil-liġi internazzjonali skont dik il-Konvenzjoni li jestradixxi liċ-ċittadin tal-UE, minħabba li ddefinixxa t-terminu "ċittadini" skont it-tifsira tal-Artikolu 6(1)(b) tal-Konvenzjoni bħala li jfisser li jirreferi biss għaċ-ċittadini tiegħu stess, mhux għal ċittadini oħra tal-UE ([35]).

## 2. LINJI GWIDA APPLIKABBLI F'KAŻIJIET FEJN L-ISTATI JAPPLIKAW L-EĊĊEZZJONI TAN-NAZZJONALITÀ

### 2.1. Talbiet għal estradizzjoni għal finijiet ta' prosekuzzjoni

#### 2.1.1. *Il-kamp ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu Petruhhin*

a. *Kamp ta' applikazzjoni ratione materiae: meta japplika l-mekkaniżmu Petruhhin?*

Il-mekkaniżmu (ta' notifika) ta' *Petruhhin* irid jiġi attivat f'każijiet fejn:

— talba għal estradizzjoni tinħareġ għall-finijiet ta' prosekuzzjoni

u

— l-Istat rikjest japplika l-eċċezzjoni tan-nazzjonalità għaċ-ċittadini tiegħu stess biss, fatt li jwassal għal diskriminazzjoni potenzjali bejn iċ-ċittadini proprji u ċ-ċittadini ta' Stati oħra li jkunu eżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu (*c.f. Anness 2 - ħarsa ġenerali lejn is-sistemi nazzjonali*).

Il-mekkaniżmu *Petruhhin* japplika għat-talbiet kollha għall-estradizzjoni, fuq il-bażi ta':

— il-Ftehim dwar l-Estradizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerka ([36]);

— il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit, min-naħa l-oħra (FKK) ([37]), li jinkludi dispożizzjonijiet li jirriflettu l-mekkaniżmu *Petruhhin* ([38]);

— ftehimiet multilaterali konklużi mill-Istati;

— ftehimiet bilaterali konklużi mill-Istati; jew

— il-liġi nazzjonali.

([34]) Il-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni (ETS Nru 24)

([35]) *Cf.* Il-Finlandja għamlet id-dikjarazzjoni li ġejja skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar l-Estradizzjoni: "Skont it-tifsira ta' din il-Konvenzjoni, it-terminu 'ċittadini' għandu jindika ċittadini tal-Finlandja, tad-Danimarka, tal-Iżlanda, tan-Norveġja u tal-Iżvezja kif ukoll barranin iddomiċiljati f'dawn l-Istati."

([36]) ĠU L 181, 19.7.2003, p. 27.

([37]) ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.

([38]) L-Artikolu 614(1) u (3) tal-FKK jipprovdi: 1. Jekk żewġ Stati jew aktar ikunu ħarġu mandat ta' arrest Ewropew jew mandat ta' arrest għall-istess persuna, id-deċiżjoni dwar liema minn dawk il-mandati ta' arrest għandha tiġi esegwita għandha tittieħed mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni b'konsiderazzjoni debita taċ-ċirkostanzi kollha u speċjalment is-serjetà relattiva u l-post tar-reati, id-dati rispettivi tal-mandat ta' arrest jew il-mandat ta' arrest Ewropew u jekk inħarġux għall-finijiet ta' prosekuzzjoni jew għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, u ta' obbligi legali ta' Stati Membri dwar il-libertà ta' moviment u ta' nondiskriminazzjoni u b'mod partikolari għal raġunijiet ta' nondiskriminazzjoni abbażi ta' ċittadinanza. 3. Fil-każ ta' kunflitt bejn mandat ta' arrest u talba għall-estradizzjoni ppreżentata minn pajjiż terz, id-deċiżjoni dwar jekk il-mandat ta' arrest jew it-talba għall-estradizzjoni tiħux preċedenza għandha tittieħed mill-awtorità kompetenti tal-Istat ta' eżekuzzjoni bil-kunsiderazzjoni xierqa taċ-ċirkustanzi kollha, b'mod partikolari dawk imsemmija fil-paragrafu 1 u dawk imsemmija fil-konvenzjoni applikabbli."

b. *Kamp ta' applikazzjoni ratione personae: għal min japplika l-mekkaniżmu Petruhhin?*

Il-mekkaniżmu *Petruhhin* japplika għaċ-ċittadini tas-27 Stat Membru tal-UE li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, li jkunu eżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu. Iċ-ċittadini li għandhom ukoll in-nazzjonalità tal-Istat terz li jitlob l-estradizzjoni huma koperti wkoll. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li ż-żamma ta' ċittadinanza doppja ma tistax iċċaħħad lill-persuna kkonċernata mil-libertajiet li jirriżultaw mid-dritt tal-UE bħala ċittadin ta' Stat Membru ([39]). Barra minn hekk, iż-żmien meta persuna tkun kisbet in-nazzjonalità ta' Stat Membru huwa irrilevanti wkoll ([40]).

Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat li l-mekkaniżmu *Petruhhin* japplika wkoll għaċ-ċittadini ta' Stat Membru tal-EFTA li huwa parti mill-Ftehim dwar iż-ŻEE u li miegħu l-Unjoni Ewropea kkonkludiet ftehim ta' konsenja (l-Iżlanda u n-Norveġja) ([41]). L-Artikoli 18 u 21 tat-TFUE ma japplikawx għal ċittadini ta' Stati terzi. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE ([42]) moqri flimkien mal-Artikolu 36 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE ([43]), li huwa parti integrali mid-dritt tal-UE, jiggarantixxi l-libertà li jiġu pprovduti servizzi, b'mod identiku għall-Artikolu 56 tat-TFUE, inkluż id-dritt li wieħed jivvjaġġa lejn Stat ieħor sabiex jirċievi servizzi ([44]).

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat li d-dritt għall-moviment liberu skont l-Artikolu 21(1) tat-TFUE/l-Artikolu 36 taż-ŻEE, japplika wkoll għal persuna sempliċiment fi tranżitu f'ajruport ([45]) jew li tirċievi servizzi bħala turist ([46]) fi Stat ieħor.

c. *Kamp ta' applikazzjoni ratione loci: liema awtoritajiet huma marbuta bil-mekkaniżmu Petruhhin?*

L-awtoritajiet nazzjonali tas-27 Stat Membru tal-UE, l-Iżlanda u n-Norveġja, meta japplikaw l-eċċezzjoni tan-nazzjonalità, huma marbuta bil-mekkaniżmu *Petruhhin* .

### 2.1.2. ***Passi li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet kompetenti meta tapplika l-eċċezzjoni tan-nazzjonalità***

a. *Obbligi għall-Istat rikjest*

L-Artikoli 18 u 21 tat-TFUE/l-Artikolu 4 tal-Ftehim ŻEE li jinqraw flimkien mal-Artikolu 36 tal-Ftehim ŻEE ma jeħtiġux l-istabbiliment ta' ekwivalenza assoluta bejn iċ-ċittadini proprji u ċ-ċittadini ta' Stati oħrajn fir-rigward tal-protezzjoni kontra l-estradizzjoni lejn Stati terzi. Madankollu, dawn jirrikjedu li l-Istati li jipprevedu trattament differenti fl-estradizzjoni taċ-ċittadini proprji meta mqabbla maċ-ċittadini ta' Stati oħra jivverifikaw, qabel ma jawtorizzaw l-estradizzjoni, jekk l-objettiv leġittimu li tiġi evitata l-impunità segwit bl-estradizzjoni jistax jintlaħaq permezz ta' miżura inqas ta' preġudizzju għall-eżerċizzju tad-dritt għall-moviment liberu, li tkun ugwalment effettiva ([47]).

Fil-każ ta' talba għall-estradizzjoni għall-fini ta' prosekuzzjoni kriminali, l-Istat rikjest huwa obbligat jikkonsulta l-Istat tan-nazzjonalità, sabiex jagħti lil dak l-Istat tan-nazzjonalità l-opportunità li joħroġ MAE/mandat ta' arrest UE-IŻ/NO, li titqies bħala miżura ugwalment effettiva iżda inqas ta' preġudizzju.

([39]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Novembru 2018, *Raugevicius*, C-247/17, ECLI:EU:C:2018:898, il-punt 29 u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 2020, *Generalstaatsanwaltschaft Berlin (Estradizzjoni lejn l-Ukrajna)*, C-398/19, ECLI:EU:C:2020:1032, il-punt 32.

([40]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 2020, *Generalstaatsanwaltschaft Berlin (Estradizzjoni lejn l-Ukrajna)*, C-398/19, ECLI:EU:C:2020:1032, il-punt 31.

([41]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' April 2020, *Ruska Federacija*, C-897/19 PPU, ECLI:EU:C:2020:262.

([42]) L-Artikolu 4 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jipprovdi li: "Fi ħdan il-kamp tal-applikazzjoni ta' dan il-Ftehim, u, mingħajr preġudizzju għal xi dispożizzjonijiet speċjali fil-Ftehim, hi pprojbita kull diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' ċittadinanza."

([43]) L-Artikolu 36(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jipprovdi li: "Fil-qafas tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Ftehim, ma għandu jkun hemm l-ebda restrizzjoni għal-libertà li wieħed jipprovdi servizzi fit-territorju tal-Partijiet Kontraenti rigward ċittadini tal-Istati Membri tal-KE u l-Istati tal-EFTA li huma stabbiliti fi Stat Membru tal-KE jew Stat tal-EFTA ħlief dawk tal-persuna li għaliha s-servizzi huma intenzjonati."

([44]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' April 2020, *Ruska Federacija*, C-897/19 PPU, ECLI:EU:C:2020:262, il-punti 52-55.

([45]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' April 2018, *Pisciotti*, C-191/16, ECLI:EU:C:2018:222, il-punt 34.

([46]) Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' April 2020, *Ruska Federacija*, C-897/19 PPU, ECLI:EU:C:2020:262, il-punt 54.

([47]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2016, *Petruhhin*, C-182/15, ECLI:EU:C:2016:630, il-punt 41.

Madankollu, l-Istat rikjest ma għandu l-ebda obbligu li jirrifjuta l-estradizzjoni ta' ċittadin tal-Unjoni li jkun ċittadin ta' Stat Membru ieħor jew ċittadin IŻ/NO u li jipprosegwixxi liċ-ċittadin tal-UE/IŻ/NO għar-reati mwettqa fi Stat terz, fejn il-liġi nazzjonali tippermettilu jagħmel dan ([48]). Dan imur lil hinn mil-limiti li d-dritt tal-UE jista' jimponi fuq l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni li jgawdi dak l-Istat fir-rigward tad-deċiżjoni dwar jekk għandhiex titwettaq jew le prosekuzzjoni kriminali.

b. *It-tnedija tal-proċedura ta' konsultazzjoni*

L-Istat rikjest huwa obbligat jinnotifika lill-Istat tan-nazzjonalità b'talba pendenti għall-estradizzjoni.

F'dak li jirrigwarda t-twaqqit għal din in-notifika, huwa ssuġġerit li l-Istat rikjest jinnotifika lill-Istat tan-nazzjonalità dwar talba għall-estradizzjoni li tkun dieħla jew pendenti mal-ewwel opportunità. Dan jista' jseħħ diġà meta persuna tiġi arrestata b'mod proviżorju, jekk tkun disponibbli informazzjoni suffiċjenti minn avviż aħmar tal-Interpol, u/jew fi stadju aktar tard meta l-Istat rikjest jirċievi t-talba għal estradizzjoni.

c. *Tip ta' informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lil Stat(i) tan-nazzjonalità*

Bħala minimu, l-awtoritajiet tal-Istat rikjest għandhom jinformaw lill-punt fokali ([49]) tal-Istat tan-nazzjonalità dwar:

— l-eżistenza ta' talba għal estradizzjoni li tikkonċerna dik il-persuna; u

— il-kwistjonijiet kollha ta' fatt u ta' liġi kkomunikati mill-Istat terz li jitlob estradizzjoni fil-kuntest ta' dik it-talba għal estradizzjoni ([50]) (*c.f. Anness 3 - mudell*).

Barra minn hekk, l-awtoritajiet tal-Istat rikjest għandhom iżommu lill-awtoritajiet ta' Stat tan-nazzjonalità informati bi kwalunkwe bidla fis-sitwazzjoni tal-persuna rikjesta li tista' tkun rilevanti għall-possibbiltà li jinħareġ MAE/UE-IŻ/NO fir-rigward ta' dik il-persuna ([51]) (*c.f. Anness 4 - mudell).*

d. *Ir-relazzjonijiet mal-Istat terz rikjedenti u l-kunfidenzjalità*

La l-Istat rikjest u lanqas l-Istat tan-nazzjonalità ma huma obbligati, skont id-dritt tal-UE, jissottomettu talba għat-trażmissjoni tal-fajl ta' investigazzjoni kriminali lill-Istat terz li qed jitlob estradizzjoni ([52]). Jekk l-Istat rikjest jew l-Istat li tiegħu l-persuna rikjesta tkun ċittadin kienu obbligati jitolbu lill-Istat terz li jitlob estradizzjoni sabiex jibgħat il-fajl ta' investigazzjoni kriminali, il-proċedura ta' estradizzjoni tista' ssir sostanzjalment aktar ikkumplikata u d-durata tagħha tista' tiġi estiża b'mod sinifikanti, bir-riskju li tipperikola, fl-aħħar mill-aħħar, l-għan li jiġi żgurat li r-reati kriminali ma jaħarbux il-piena ([53]). Barra minn hekk, proċedimenti twal jistgħu jkunu wkoll ta' detriment għall-persuna mfittxija, b'mod partikolari jekk il-persuna tinżamm f'detenzjoni.

L-awtoritajiet tal-Istat tan-nazzjonalità huma marbuta li josservaw il-kunfidenzjalità ta' tali kwistjonijiet fejn tkun intalbet il-kunfidenzjalità mill-Istat terz rikjedenti. Barra minn hekk, l-Istat terz rikjedenti għandu jinżamm debitament infurmat dwar dak il-punt ([54]).

Madankollu, l-Istat tan-nazzjonalità jista ' japplika kwalunkwe mekkaniżmu ta' kooperazzjoni u/jew assistenza reċiproka sabiex tinkiseb evidenza mill-Istat rikjest (eż. il-ħruġ ta' Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea (OIE) ([55])).

([48]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 2020, *Generalstaatsanwaltschaft Berlin (Estradizzjoni lejn l-Ukrajna)*, C-398/19, ECLI:EU:C:2020:1032, il-punti 49-50.

([49]) Lista ta' punti fokali nazzjonali nnominati mis-27 Stat Membru tal-UE, min-Norveġja u mill-Iżlanda tiġi ppubblikata fuq is-sit web tan-NĠE, *cf.* 4.1.

([50]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 2020, *Generalstaatsanwaltschaft Berlin (Estradizzjoni lejn l-Ukrajna)*, C-398/19, ECLI:EU:C:2020:1032, il-punt 48.

([51]) *Idem*.

([52]) *Idem*, il-punt 49.

([53]) *Idem*, il-punt 51.

([54]) *Idem*, il-punt 48.

([55]) Id-Direttiva 2014/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea f'materji kriminali (ĠU L 130, 1.5.2014, p. 1).

e. *Obbligi għall-Istat tan-nazzjonalità*

Wara n-notifika, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tan-nazzjonalità jenħtieġ li jivvalutaw jekk huwiex xieraq li joħorġu MAE/ UE-IŻ/NO relatat mal-istess reati bħal dawk li l-persuna kkonċernata hija akkużata bihom fit-talba għal estradizzjoni, sa fejn ikollhom ġuriżdizzjoni, skont il-liġi nazzjonali tagħhom, sabiex iwettqu l-prosekuzzjoni tal-persuna għal reati mwettqa barra mit-territorju nazzjonali.

### 2.1.3. ***Limitu ta' żmien sabiex tingħata tweġiba għal notifika***

L-Istat rikjest jenħtieġ li jistabbilixxi limitu ta' żmien raġonevoli għall-Istat(i) tan-nazzjonalità sabiex jissottometti tweġiba. L-Istat rikjest għandu marġni ta' diskrezzjoni meta jiddetermina limitu ta' żmien raġonevoli, b'mod partikolari meta jitqies jekk persuna rikjesta hijiex f'kustodja abbażi tal-proċedura ta' estradizzjoni u l-kumplessità tal-każ ([56]).

Il-limitu ta' żmien impost jenħtieġ li jiġi indikat fiċ-ċertifikat (*c.f. Anness 3 - mudell*).

Jekk ikun meħtieġ, il-punt fokali jew l-awtorità ġudizzjarja emittenti ([57]) tal-Istat(i) ta' nazzjonalità jistgħu jitolbu estensjoni tal-limitu ta' żmien (*c.f. Anness 5 - mudell*). Il-punt fokali jew l-awtorità li tittratta t-talba għall-estradizzjoni fl-Istat rikjest jenħtieġ li tiddeċiedi dwar l-estensjoni (*c.f. Anness 6 - mudell*).

### 2.1.4. ***Rifjut ta' talba għal estradizzjoni***

F'każijiet biss, fejn awtorità ġudizzjarja ta' Stat ta' nazzjonalità toħroġ MAE/UE-IŻ/NO relatat mal-istess reat(i) ([58]) jew atti u tinforma lill-Istat rikjest kif xieraq, l-Istat rikjest għandu jirrifjuta l-estradizzjoni u jikkonsenja l-persuna lejn l-Istat ta' nazzjonalità (*c.f. Anness 7 – mudell*).

### 2.1.5. ***It-tkomplija tal-proċedimenti ta' estradizzjoni***

Fin-nuqqas ta' tweġiba fil-limitu ta' żmien impost mill-awtoritajiet tal-Istat(i) tan-nazzjonalità jew fil-każ ta' tweġiba negattiva fil-limitu ta' żmien, l-awtoritajiet tal-Istat rikjest jistgħu, fejn ikun xieraq, iwettqu l-estradizzjoni mingħajr ma jkunu obbligati jistennew li l-Istat tan-nazzjonalità jwieġeb u/jew jadotta deċiżjoni formali li biha jirrinunzja d-dritt li jinħareġ MAE/UE-IŻ/NO fir-rigward ta' dik il-persuna ([59]) (*c.f. Anness 7 – mudell*).

## 2.2. **Talbiet għall-estradizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni**

### 2.2.1. ***Kamp ta' applikazzjoni***

a. *Kamp ta' applikazzjoni ratione materiae*

Is-sentenza *Raugevicius* tapplika f'każijiet fejn:

— it-talba tkun talba għall-estradizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni

u

— l-Istat rikjest japplika l-eċċezzjoni tan-nazzjonalità għaċ-ċittadini tiegħu stess biss, fatt li jwassal għal diskriminazzjoni potenzjali bejn iċ-ċittadini proprji u ċ-ċittadini ta' Stati oħra li jkunu eżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu (*c.f. Anness 2 - ħarsa ġenerali lejn is-sistemi nazzjonali*).

([56]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 2020, *Generalstaatsanwaltschaft Berlin (Estradizzjoni lejn l-Ukrajna)*, C-398/19, ECLI:EU:C:2020:1032, il-punt 55.

([57]) Kif indikat skont l-Artikolu 6(1) tad-Deċiżjoni Qafas dwar il-MAE jew skont l-Artikolu 9(1) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-proċedura ta' konsenja bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea u l-Iżlanda u n-Norveġja.

([58]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-10 ta' April 2018, *Pisciotti*, C-191/16, ECLI:EU:C:2018:222, il-punt 54.

([59]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Diċembru 2020, *Generalstaatsanwaltschaft Berlin (Estradizzjoni lejn l-Ukrajna)*, C-398/19, ECLI:EU:C:2020:1032, il-punti 53 u 54.

b. *Kamp ta' applikazzjoni ratione personae dwar talbiet għal estradizzjoni għall-eżekuzzjoni ta' sentenza: għal min tapplika s-sentenza Raugevicius?*

L-obbligu ta' trattament ugwali f'dan ir-rigward japplika biss sal-punt li ċ-ċittadini proprji u ċ-ċittadini ta' Stati oħra jkunu f'sitwazzjoni komparabbli fir-rigward tal-objettiv li jiġi evitat ir-riskju ta' impunità. Peress li l-eżekuzzjoni ta' sentenzi ta' kustodja fl-Istat tal-oriġini tal-persuna kkonċernata tippromwovi r-riintegrazzjoni soċjali tal-persuna kkonċernata ladarba tkun skontat is-sentenza tagħha, sitwazzjoni komparabbli teżisti biss fir-rigward ta' ċittadini ta' Stati oħra li huma residenti b'mod permanenti fl-Istat rikjest u għalhekk għandhom ċertu grad ta' integrazzjoni fis-soċjetà ta' dak l-Istat.

Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja sostniet li l-kamp ta' applikazzjoni personali huwa limitat għal ċittadini ta' Stati oħra li jirrisjedu b'mod permanenti fi Stat rikjest u li juru ċertu grad ta' integrazzjoni fis-soċjetà ta' dak l-Istat ([60]) għax ikunu f'sitwazzjoni komparabbli maċ-ċittadini tal-Istat rikjest. Min-naħa l-oħra, ċittadin ta' Stat li jkun qed jiġi arrestat f'ajruport ta' Stat rikjest, filwaqt li jkun biss fi tranżitu, ma jissodisfax il-kriterju li jkun f'sitwazzjoni komparabbli.

Jekk persuna rikjesta ma tistax titqies bħala residenti b'mod permanenti fl-Istat rikjest, il-kwistjoni tal-estradizzjoni tagħha għandha tiġi solvuta abbażi tad-dritt nazzjonali jew internazzjonali applikabbli ([61]).

### 2.2.2. ***Passi li għandhom jiġu segwiti mill-awtoritajiet kompetenti meta tapplika l-eċċezzjoni tan-nazzjonalità***

F'każijiet ta' talba għal estradizzjoni għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' sentenza, il-miżura tal-inqas preġudizzju għall-eżerċitar tad-dritt għall-moviment liberu hija li l-Istat rikjest jassumi r-responsabbiltà għall-eżekuzzjoni tas-sentenza fit-territorju tiegħu minflok ma jestradixxi liċ-ċittadin ta' Stat ieħor lejn l-Istat terz, fejn tali possibbiltà tiġi pprovduta wkoll għaċ-ċittadini tagħha stess. Huwa mistenni li l-Qorti tal-Ġustizzja se tkompli tiċċara l-passi dettaljati li jridu jiġu segwiti (b'mod partikolari l-firxa tal-obbligi għall-Istati u jekk huwiex meħtieġ kunsens ta' Stat terz) fil-kawża pendenti C-237/21 ([62]).

### 2.2.3. ***Skambju ta' informazzjoni bejn l-Istat rikjest u l-Istat tan-nazzjonalità***

L-Artikoli 18 u 21 tat-TFUE ma jirrikjedux li l-Istat rikjest jinforma lill-Istat tan-nazzjonalità dwar talba għall-estradizzjoni pendenti għall-eżekuzzjoni ta' piena jew ordni ta' detenzjoni. Madankollu, l-Istat rikjest mhuwiex preklużż milli jikkuntattja l-Istat tan-nazzjonalità biex jikseb kwalunkwe informazzjoni rilevanti li jista' jqis utli.

## 3. LINJI GWIDA APPLIKABBLI GĦALL-ISTATI KOLLHA IRRISPETTIVAMENT MILL-EĊĊEZZJONI TAN-NAZZJONALITÀ

### 3.1. **Valutazzjoni tad-drittijiet fundamentali qabel estradizzjoni**

#### 3.1.1. *Applikazzjoni tal-Karta*

Il-Qorti tal-Ġustizzja stabbiliet li d-deċiżjoni dwar l-estradizzjoni ta' ċittadin tal-Unjoni/IŻ/NO, f'sitwazzjoni li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 18 tat-TFUE u tal-Artikolu 21 tat-TFUE jew tal-Artikolu 4 tal-Ftehim ŻEE moqri flimkien mal-Artikolu 36 tal-Ftehim ŻEE, taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt tal-UE għall-finijiet tal-Artikolu 51(1) tal-Karta ([63]). Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet tal-Karta, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tagħha, japplikaw għal tali deċiżjoni.

([60]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Novembru 2018, *Raugevicius*, C-247/17, ECLI:EU:C:2018:898, il-punt 46.

([61]) *Idem*, il-punt 48.

([62]) Il-Kawża C-237/21, *Generalstaatsanwaltschaft München*.

([63]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2016, *Petruhhin*, C-182/15, ECLI:EU:C:2016:630, il-punti 52 u 53 u s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' April 2020, *Ruska Federacija*, C-897/19 PPU, ECLI:EU:C:2020:262, il-punt 63. L-Artikolu 51(1) tal-Karta jipprovdi: "1. Id-dispożizzjonijiet ta' din il-Karta huma intiżi għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-aġenziji tal-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u għall-Istati Membri wkoll biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni. Huma għandhom għaldaqstant jirrispettaw id-drittijiet, josservaw il-prinċipji u jippromwovu l-applikazzjoni tagħhom, skont il-kompetenzi rispettivi tagħhom u fir-rispett tal-limiti tal-kompetenzi tal-Unjoni kif mogħtija lilha fit-Trattati."

Barra minn hekk, l-eżistenza ta' ftehim internazzjonali tal-Unjoni dwar l-estradizzjoni hija biżżejjed sabiex tiskatta l-applikazzjoni tal-Karta. Għalhekk, il-Karta tapplika wkoll għal talbiet għall-estradizzjoni maħruġa mill-Istati Uniti u mir-Renju Unit rispettivament skont il-Ftehim dwar l-estradizzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti tal-Amerika ([64]) u l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, minn naħa waħda, u r-Renju Unit, min-naħa l-oħra ([65]), anke meta ma jkun hemm l-ebda eżerċizzju ta' moviment liberu fiż-żona taż-ŻEE. Barra minn hekk, f'każijiet bħal dawn, il-Karta tapplika wkoll għal ċittadini ta' Stati terzi u persuni mingħajr Stat.

Fejn tapplika l-Karta, Stat rikjest jeħtieġlu l-ewwel jivverifika li l-estradizzjoni mhux se tippreġudika d-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 19 tal-Karta ([66]).

Skont l-Artikolu 19(2) tal-Karta, ħadd ma jista' jitneħħa, jitkeċċa jew jkun estradit lejn Stat fejn hemm riskju serju li jkun soġġett għall-piena tal-mewt, għat-tortura jew għal pieni jew trattamenti oħra inumani jew degradanti.

Il-Qorti tal-Ġustizzja speċifikat ukoll li s-sempliċi "eżistenza ta' dikjarazzjonijiet u l-aċċettazzjoni ta' trattati internazzjonali li jiggarantixxu, bħala prinċipju, ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, waħedhom ma humiex biżżejjed sabiex tiġi żgurata protezzjoni xierqa mir-riskju ta' trattamenti ħżiena meta sorsi affidabbli jkunu jindikaw prattiki tal-awtoritajiet – jew ittollerati minnhom – li manifestament imorru kontra l-prinċipji tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.

Minn dan isegwi li, meta l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li ssirlu t-talba jkollha għad-dispożizzjoni tagħha provi li juru li hemm riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti ta' persuni fl-Istat terz li jagħmel it-talba, hija għandha tevalwa l-eżistenza ta' dan ir-riskju meta hija tiddeċiedi dwar l-estradizzjoni ta' persuna lejn dak l-Istat (ara, f'dan is-sens, fir-rigward tal-Artikolu 4 tal-Karta, is-sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, punt 88).

Għal dak il-għan, l-awtorità kompetenti tal-Istat Membru rikjest trid tiddependi fuq informazzjoni li tkun oġġettiva, affidabbli, speċifika u aġġornata kif xieraq. Dawn l-elementi jistgħu jirriżultaw b'mod partikolari minn deċiżjonijiet ġudizzjarji internazzjonali, bħalma huma s-sentenzi tal-Qorti EDB, minn deċiżjonijiet ġudizzjarji tal-Istat Membru emittenti kif ukoll minn deċiżjonijiet, minn rapporti u minn dokumenti oħra stabbiliti mill-korpi tal-Kunsill tal-Ewropa jew li jaqgħu taħt is-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti" (ara s-sentenza tal-5 ta' April 2016, Aranyosi u Căldăraru, C-404/15 u C-659/15 PPU, EU:C:2016:198, il-punt 89) ([67]).

3.1.2. *Applikazzjoni tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali*

Il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) tapplika għall-estradizzjoni minn Stati lejn Stati terzi f'sitwazzjonijiet li għalihom ma tapplikax il-Karta ([68]), bħall-estradizzjoni ta' ċittadin tal-Unjoni li ma jkunx eżerċita d-dritt għal moviment liberu, jew ta' ċittadin ta' pajjiż terz lejn Stat terz li l-Unjoni ma tkunx ikkonkludiet ftehim ta' estradizzjoni miegħu.

L-Artikolu 3 u l-Artikolu 6 tal-KEDB huma rilevanti b'mod partikolari. L-Artikolu 3 tal-KEDB jipprovdi:

Ħadd ma għandu jkun assoġġettat għal tortura jew għal pieni jew trattamenti inumani jew degradanti.

([64]) ĠU L 181, 19.7.2003, p. 27.
([65]) ĠU L 149, 30.4.2021, p. 10.
([66]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2016, *Petruhhin*, C-182/15, ECLI:EU:C:2016:630, il-punt 60, id-digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2017, *Schotthöfer & Steiner vs Adelsmayr*, C-473/15, ECLI:EU:C:2017:633, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Novembru 2018, *Raugevicius*, C-247/17, ECLI:EU:C:2018:898, il-punt 49, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' April 2020, *Ruska Federacija*, C-897/19 PPU, ECLI:EU:C:2020:262, il-punti 63 sa 68.
([67]) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2016, *Petruhhin*, C-182/15, ECLI:EU:C:2016:630, il-punti 57, 58 u 59.
([68]) *Ara* 3.1.1. *supra*.

L-Artikolu 6 tal-QEDB (id-dritt ta' proċess ġust, il-preżunzjoni ta' innoċenza u d-drittijiet tad-difiża) jipprevedi:

1. Fid-determinazzjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa ntitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jistgħu jiġu esklużi mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew sa fejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.

2. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu jiġi meqjus li jkun innoċenti sakemm ma jiġix pruvat ħati skont il-liġi.

3. Kull min ikun akkużat b'reat kriminali għandu d-drittijiet minimi li ġejjin: a) li jkun infurmat minnufih, b'lingwa li jifhem u fid-dettall, dwar in-natura u r-raġuni tal-akkuża kontra tiegħu; b) li jkollu żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu; c) li jiddefendi ruħu personalment jew permezz ta' assistenza legali magħżula minnu stess jew, jekk ma jkollux mezzi biżżejjed li jħallas l-assistenza legali, din għandha tingħata lilu b'xejn meta l-interessi tal-ġustizzja jeħtieġu hekk; d) li jeżamina jew li jara li jiġu eżaminati xhieda kontra tiegħu u li jottjeni l-attendenza u l-eżami ta' xhieda favur tiegħu taħt l-istess kundizzjonijiet bħax-xhieda kontra tiegħu; e) li jkollu assistenza b'xejn ta' interpretu jekk ma jkunx jifhem jew jitkellem il-lingwa użata fil-qorti.

## 3.2. Avviżi ħomor, mandati ta' arrest u talbiet għal estradizzjoni infondati jew abbużivi, inklużi dawk motivati politikament

L-Istati kienu qed jiffaċċjaw każijiet ta' talbiet għal estradizzjoni u avviżi ħomor paralleli tal-Interpol infondati jew abbużivi, inklużi dawk motivati politikament. Għalhekk, din it-taqsima diġà tista' tapplika fi stadju fejn tkun għadha ma nħarġet l-ebda talba għal estradizzjoni jew fejn il-persuna tkun għadha ma ġietx arrestata abbażi ta' avviż aħmar (eż. meta Stat ikun konxju minn avviżi ħomor tal-Interpol abbużivi, jista' jinforma punti fokali oħra b'mod proattiv, anke qabel ma l-persuna tfittex li tmur fi Stat ieħor).

### 3.2.1. *Il-mekkaniżmu eżistenti tal-Interpol dwar l-użu ħażin tal-avviżi ħomor*

Hemm sistema awtomatizzata ta' skrinjar u detezzjoni ta' avviżi ħomor [69] fis-seħħ fl-Interpol. Dan jippermetti li l-każijiet ta' użu ħażin jiġu ffiltrati. Kull talba li tidħol tiġi vverifikata ma' lista ta' sorveljanza li jkun fiha talbiet li jkunu ġew miċħuda fil-passat sabiex jiġu miċħuda awtomatikament. L-Interpol qed taħdem sabiex tiżviluppa salvagwardji awtomatizzati ġodda tal-IT sabiex ittejjeb il-valutazzjoni ta' talbiet li jidħlu għall-pubblikazzjoni ta' avviżi u diffużjonijiet.

Barra minn hekk, fis-Segretarjat Ġenerali tal-Interpol ġiet stabbilita Task Force speċjali, magħmula minn avukati u uffiċjali tal-pulizija minn Stati Membri differenti tal-Interpol. It-Task Force tivvaluta t-talbiet kollha li jidħlu għal pubblikazzjonijiet ta' avviżi u diffużjonijiet mill-pajjiżi membri tal-Interpol fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħhom mal-qafas u r-rekwiżiti legali rispettivi.

L-avviżi ħomor tal-Interpol jistgħu jitneħħew għal għadd ta' raġunijiet billi jsiru sottomissjonijiet lill-Kummissjoni indipendenti għall-Kontroll tal-Fajls (Commission for the Control of Files, CCF) li jiddikjaraw li huma jiksru l-Kostituzzjoni tal-Interpol u r-Regoli tagħha dwar il-Proċess tad-*Data*. L-Istati Membri jistgħu jagħtu pariri lill-individwu kkonċernat b'avviż aħmar abbużiv, b'mod partikolari b'avviż aħmar motivat politikament sabiex jeżerċita d-drittijiet tiegħu quddiem is-CCF u jwissuh minn qabel, jew jitolbu li l-avviżi jew id-diffużjoni jitħassru.

[69] Avviż Aħmar la huwa talba għall-estradizzjoni, u lanqas mandat ta' arrest internazzjonali. Hija twissija għall-infurzar tal-liġi madwar id-dinja sabiex persuna tiġi lokalizzata u arrestata b'mod proviżorju sakemm issir estradizzjoni, il-konsenja, jew azzjoni legali simili. Madankollu, avviż aħmar jirreferi għal mandat ta' arrest internazzjonali jew deċiżjoni ġudizzjarja, jappoġġa l-proċedimenti ta' estradizzjoni u fih *data* dwar il-kriminalità nazzjonali (ħlief jekk l-avviż aħmar jinħareġ minn tribunal internazzjonali). Skont l-Artikolu 82 tar-Regoli tal-INTERPOL dwar l-Ipproċessar tad-*Data* [IRPD, III/IRPD/GA/2011(2019)], "L-avviżi l-ħomor jiġu ppubblikati fuq talba ta' Bureau Ċentrali Nazzjonali jew ta' entità internazzjonali b'setgħat ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni f'materji kriminali sabiex ifittxu l-post ta' persuna mfittxija u d-detenzjoni, l-arrest jew ir-restrizzjoni tal-moviment tiegħu jew tagħha għall-finijiet ta' estradizzjoni, konsenja, jew azzjoni legali simili."

Grupp konsultattiv ta' avviż permanenti jappoġġa dawn l-attivitajiet.

3.2.2. ***Skambju ta' informazzjoni minn punti fokali dwar talbiet għal estradizzjoni mingħajr bażi jew abbużivi, b'mod partikolari dawk b'motivi politiċi***

L-Istat tan-nazzjonalità spiss ikollu informazzjoni ta' importanza sostanzjali sabiex jiddeċiedi jekk talba għal estradizzjoni hijiex infondata jew abbużiva, b'mod partikolari politikament motivata. Għalhekk, il-kooperazzjoni mill-qrib u l-iskambju ta' informazzjoni mal-Istat tan-nazzjonalità tal-persuna rikjesta jistgħu jkunu essenzjali, meta Stat rikjest jevalwa talba għall-estradizzjoni rigward ċittadin ta' Stat ieħor.

F'każijiet ta' suspett raġonevoli li talba għal estradizzjoni tkun abbużiva, b'mod partikolari motivata politikament jew inkella infondata (illegali), il-punt fokali ta' Stat li jkun irċieva talba għal estradizzjoni minn Stat terz rigward ċittadin ta' Stat ieħor, jenħtieġ li dejjem jinforma lill-punt fokali tal-Istat tan-nazzjonalità. Dan se jippermetti l-iskambju ta' informazzjoni rilevanti sabiex tittieħed deċiżjoni infurmata dwar jekk it-talba għall-estradizzjoni hijiex motivata politikament jew inkella infondata (illegali) (*c.f. L-Anness 3 - mudell u l-Anness 8 - mudell*).

Barra minn hekk, f'każijiet ta' suspett raġonevoli li talba għall-estradizzjoni tkun infondata jew abbużiva, b'mod partikolari politikament motivata, kwalunkwe punt fokali għandu jinforma minnufih u b'mod proattiv u jikkonsulta lil punti fokali oħra, kif ukoll lill-Eurojust, lill-Europol u lill-Interpol (*c.f. Anness 8 - mudell*).

Dan il-mekkaniżmu ta' notifika fost il-punti fokali f'każijiet ta' talbiet għal estradizzjoni infondati jew abbużivi, inklużi talbiet għal estradizzjoni motivati politikament japplika għaċ-ċittadini tal-Istati, kif ukoll għaċ-ċittadini ta' Stati terzi u persuni mingħajr Stat.

## 4. ASPETTI PRATTIĊI TAL-MEKKANIŻMU PETRUHHIN U TALBIET GĦAL ESTRADIZZJONI MOTIVATI POLITIKAMENT

### 4.1. Punti fokali

Għall-finijiet tal-mekkaniżmu *Petruhhin* u talbiet għal estradizzjoni infondati jew illegali, b'mod partikolari motivati politikament, l-Istati nnominaw punti fokali (eż. awtoritajiet ċentrali).

Il-lista aġġornata tal-punti fokali hija disponibbli fuq:

https://www.ejn-crimjust.europa.eu/ejn/AtlasChooseCountry/MT

L-Istat jenħtieġ li jinforma malajr lin-NĠE dwar kwalunkwe bidla fil-punti fokali tagħhom.

Il-punti fokali jistgħu jikkonsultaw lill-Eurojust u lin-NĠE jekk ikollhom xi kwistjonijiet.

### 4.2. Reġim tal-lingwa u spejjeż

Qed tiġi proposta lingwa uffiċjali tal-Istat tan-nazzjonalità bħala r-reġim tal-lingwa għad-dokumenti trażmessi bejn l-Istat rikjest u l-Istat tan-nazzjonalità.

L-Istati jistgħu jinnotifikaw ukoll lill-Kummissjoni jekk jiddeċiedu li jaċċettaw traduzzjonijiet f'lingwa uffiċjali waħda jew aktar tal-UE, tal-Iżlanda jew tan-Norveġja.

L-Istat rikjest u l-Istat tan-nazzjonalità għandhom ikopru l-ispejjeż tagħhom stess (prinċipalment l-ispejjeż tat-traduzzjoni).

### 4.3. Reġim tal-protezzjoni tad-*data*

Tapplika d-Direttiva (UE) 2016/680 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data* ([70]).

---

([70]) Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89).

*ANNESS 1*

**Illustrazzjoni tal-passi li għandhom jittieħdu fir-rigward tat-talbiet għall-estradizzjoni għall-finijiet ta' prosekuzzjoni – passi ewlenin tal-mekkaniżmu *Petruhhin***




1

*ANNESS 2*

**Ħarsa ġenerali lejn l-eċċezzjonijiet tan-nazzjonalità (*informazzjoni kif ipprovduta mill-Istati*)**

AT: Il-Liġi Federali tal-4 ta' Diċembru, 1979 dwar l-Estradizzjoni u l-Assistenza Reċiproka f'Materji Kriminali (il-Liġi dwar l-Estradizzjoni u l-Assistenza Reċiproka (ARHG)), Taqsima 12.

BE: Il-Liġi tal-15 ta' Marzu 1874 dwar l-estradizzjonijiet, l-Artikoli 1 u 2.

BG: Il-Kostituzzjoni, l-Artikolu 25(4).

CY: Il-Kostituzzjoni, l-Artikolu 11(f) (l-estradizzjoni ta' ċittadin hija permessa biss skont trattat internazzjonali li jorbot lir-Repubblika, bil-kundizzjoni li tali trattat jiġi applikat rispettivament mill-kontroparti u fir-rigward ta' atti li seħħew wara d-dħul fis-seħħ tal-ħames emenda tal-Kostituzzjoni fl-2006).

CZ: Il-Karta tad-Drittijiet u l-Libertajiet Fundamentali bħala parti mill-ordni kostituzzjonali tar-Repubblika Ċeka, l-Artikolu 14(4). L-estradizzjoni ta' ċittadin Ċek lejn pajjiż terz hija possibbli jekk iċ-ċittadin jagħti l-kunsens tiegħu għall-estradizzjoni lejn dak l-Istat (it-Taqsima 91(1)(a) tal-Att dwar il-Kooperazzjoni Ġudizzjarja Internazzjonali fi Kwistjonijiet Kriminali).

DE: Il-Liġi Bażika għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja, l-Artikolu 16(2).

EE: Il-Kostituzzjoni, l-Artikolu 36 (sakemm l-estradizzjoni ma tiġix ammessa fuq il-bażi ta' trattat internazzjonali).

EL: Il-Kodiċi Penali Proċedurali, l-Artikolu 438.

ES: Il-Liġi dwar l-Estradizzjoni Passiva, 1985, l-Artikolu 3 (sakemm ma jkunx previst fi trattat, f'konformità mal-prinċipju tar-reċiproċità).

FI: Il-Kostituzzjoni, it-Taqsima 9(3) (jista' jiġi stipulat permezz ta' Att li minħabba att kriminali, għall-fini ta' proċedimenti legali, ċittadin Finlandiż jista' jiġi estradit lejn pajjiż fejn jiġu ggarantiti d-drittijiet tal-bniedem u l-protezzjoni legali tiegħu). It-Taqsima 2 tal-Att dwar l-Estradizzjoni (456/1970) (rigward il-kooperazzjoni ma' pajjiżi oħra għajr l-Istati Membri tal-UE; Ċittadin Finlandiż ma jistax jiġi estradit. L-istess japplika għar-Renju Unit).

FR: Il-Kodiċi Penali Proċedurali, l-Artikolu 696-4.

HR: Il-Kostituzzjoni, l-Artikolu 9 (sakemm l-estradizzjoni ma tiġix ammessa fuq il-bażi ta' trattat).

HU: L-Att XXXVIII, 1996, dwar l-Assistenza Legali Internazzjonali f'Materji Kriminali, it-Taqsima 13.

IC: L-Att Nru 13 tal-1984, l-Estradizzjoni ta' Kriminali u Assistenza Oħra fl-Att dwar il-Proċedimenti Kriminali (mhux applikabbli għal talbiet mid-Danimarka, mill-Finlandja, min-Norveġja u mill-Iżvezja).

IE: F'konformità mal-Att dwar l-Estradizzjoni tal-Irlanda tal-1965, l-Irlanda tista' testradixxi ċ-ċittadini tagħha stess fejn ikun hemm ftehim ta' estradizzjoni fis-seħħ ma' pajjiż terz u dak il-pajjiż jista' jestradixxi ċ-ċittadini tiegħu stess lejn l-Irlanda.

IT: Il-Kostituzzjoni, l-Artikolu 26(1) (sakemm l-estradizzjoni ma tiġix aċċettata abbażi ta' trattat).

LT: Il-Kostituzzjoni, l-Artikolu 13 (sakemm l-estradizzjoni ma tiġix aċċettata abbażi ta' trattat).

LU: Liġi mmodifikata tal-20 ta' Ġunju 2001, l-Artikolu 7.

LV: Il-Kostituzzjoni, l-Artikolu 98 (sakemm l-estradizzjoni ma tiġix aċċettata abbażi ta' trattat).

MT: Il-Kostituzzjoni, l-Artikolu 43 (sakemm l-estradizzjoni ma tiġix aċċettata abbażi ta' trattat).

NL: Uitleveringswagswatt, l-Artikolu 4 (l-estradizzjoni hija aċċettata għall-prosekuzzjoni meta jingħataw garanziji).

NO: Att Nru 39 tal-13. Ġunju 1975 dwar l-Estradizzjoni ta' Trasgressuri (mhux applikabbli għal talbiet minn Stati fl-Unjoni Ewropea u mill-Iżlanda).

PL: Il-Kostituzzjoni, l-Artikolu 55.

PT: Il-Kostituzzjoni, l-Artikolu 33(1) (sakemm l-estradizzjoni ma tiġix aċċettata abbażi ta' trattat jew taħt garanziji u biss għall-prosekuzzjoni).

RO: Il-Kostituzzjoni, l-Artikolu 19(2) (sakemm ma tiġix aċċettata estradizzjoni bbażata fuq ftehimiet internazzjonali, ir-Rumanija hija parti għal, skont il-liġi u fuq bażi reċiproka).

SE: L-Att (1957:668) dwar l-Estradizzjoni, it-Taqsima 2.

SI: Il-Kostituzzjoni, l-Artikolu 47.

SK: Il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, it-Taqsima 501 (ħlief għal każijiet fejn obbligu ta' estradizzjoni huwa pprovdut bil-liġi, trattat internazzjonali, jew id-deċiżjoni ta' organizzazzjoni internazzjonali li biha r-Repubblika Slovakka hija marbuta).

Stat li ma jipprovdix espliċitament għal eċċezzjoni tan-nazzjonalità:

DK: L-att Daniż dwar l-Estradizzjoni, l-Artikolu 18 (madankollu jipprovdi regoli aktar stretti għall-estradizzjoni ta' ċittadini proprji milli għal ċittadini oħra).

*ANNESS 3*

## Mudell biex jinforma lill-Istat tan-nazzjonalità

Għall-attenzjoni tal-awtorità kompetenti ta': ........................................................................ *[Stat(i)]*

Dan id-dokument għandu jinnotifikak u jinfurmak li mandat ta' arrest/talba għall-estradizzjoni għall-finijiet ta' *[immarka l-kaxxa]*

☐ prosekuzzjoni

☐ eżekuzzjoni ta' sentenza ta' priġunerija jew ordni ta' detenzjoni

inħarġet minn Stat terz fir-rigward ta' ċittadin li huwa ċittadin tal-Istat tiegħek.

## Informazzjoni dwar l-identità tal-persuna rikjesta

Kunjom:

Isem/Ismijiet:

Kunjom qabel iż-żwieġ, fejn applikabbli:

Psewdonimi, fejn applikabbli:

Sess:

Nazzjonalità:

Data tat-twelid:

Post tat-twelid:

Residenza u/jew indirizz magħruf:

Lingwa/i li l-persuna rikjesta affettwata tifhem (jekk magħrufa):

Marki distintivi/deskrizzjoni tal-persuna rikjesta:

## Informazzjoni dwar l-awtorità tal-Istat terz rikjedenti

Stat terz emittenti:

Awtorità (ġudizzjarja) li ħarġet il-mandat ta' arrest/talba għall-estradizzjoni:

Isem ir-rappreżentant tagħha:

Pożizzjoni (titolu/grad):

Referenza tal-fajl:

Indirizz:

Id-dettalji ta' kuntatt:

## L-informazzjoni dwar ir-reati li l-persuna kkonċernata tiġi akkużata bihom

It-talba għall-estradizzjoni hija relatata ma' total ta' ............................................................ *[numru]* reati.

Deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom twettaq/twettqu ir-reat(i), inkluż il-ħin, il-post u l-grad ta' parteċipazzjoni fir-reat(i) mill-persuna rikjesta:

| |
|---|
| |

In-natura u l-klassifikazzjoni legali tar-reat(i), inkluż id-dispożizzjoni/kodiċi statutorja/u applikabbli:

**Aktar informazzjoni pprovduta mill-Istat terz (jekk ikun possibbli, id-dokumenti pprovduti mill-Istat terz jiġu mehmuża ma' din il-formola bħala Annessi):**

Fuq il-bażi tal-informazzjoni ta' hawn fuq, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat tan-nazzjonalità huma mistiedna jieħdu deċiżjoni dwar il-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew/mandat ta' arrest UE-IŻ/NO kontra l-persuna kkonċernata bil-ħsieb li titmexxa l-prosekuzzjoni relatata mal-istess reat(i)/att(i) li huma s-suġġett tat-talba għall-estradizzjoni.

Din l-awtorità tqis …….. *[perjodu ta' żmien]* bħala żmien raġonevoli li għandu jiġi infurmat bid-deċiżjoni sa …….. *[data rilevanti]*.

Wara dan il-perjodu ta' żmien, jekk ma tasal l-ebda tweġiba mill-Istat tan-nazzjonalità, l-Istat rikjest jipproċedi bil-proċediment ta' estradizzjoni.

**Dwar it-talba għal estradizzjoni sabiex tiġi eżegwita sentenza ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, jekk jogħġbok ipprovdi kwalunkwe informazzjoni rilevanti:**

**Inkella, jekk jogħġbok indika u ssostanzja jekk jeżistix suspett raġonevoli li t-talba għal estradizzjoni hija motivata politikament:**

| |
|---|
| |

**Id-dettalji ta' kuntatt tal-awtorità kompetenti li tibgħat informazzjoni dwar it-talba għal estradizzjoni**

Stat:

Awtorità kompetenti:

Persuna ta' kuntatt:

Kariga miżmuma:

Referenza tal-fajl:

Dettalji ta' kuntatt (indirizz elettroniku/numri tat-telefown):

Data u firma

*ANNESS 4*

**Mudell biex tiġi pprovduta informazzjoni addizzjonali lill-Istat tan-nazzjonalità**

Għall-attenzjoni tal-awtorità kompetenti ta': ...........................................................................

Wara n-notifika mibgħuta fi ......... *[data]*, skont l-obbligu li tinbeda proċedura ta' konsultazzjoni stabbilita fis-sentenza *Petruhhin* (1) tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, dan l-Istat qed jibgħat informazzjoni addizzjonali li tista' tkun utli fid-dawl tal-ħruġ tal-mandat ta' arrest Ewropew/tal-mandat ta' arrest UE-IŻ/NO.

**Informazzjoni dwar l-identità tal-persuna rikjesta**

Kunjom:

Isem/Ismijiet:

Kunjom qabel iż-żwieġ, fejn applikabbli:

Psewdonimi, fejn applikabbli:

Sess:

Nazzjonalità:

Data tat-twelid:

Post tat-twelid:

Residenza u/jew indirizz magħruf:

Lingwa/i li l-persuna rikjesta affettwata tifhem (jekk magħrufa):

Marki distintivi/deskrizzjoni tal-persuna rikjesta:

**Informazzjoni dwar l-awtorità tal-Istat terz rikjedenti**

Stat terz emittenti:

Awtorità (ġudizzjarja) li ħarġet il-mandat ta' arrest/talba għall-estradizzjoni:

Isem ir-rappreżentant tagħha:

Pożizzjoni (titolu/grad):

Referenza tal-fajl:

Indirizz:

Id-dettalji ta' kuntatt:

**Aktar informazzjoni rilevanti:**

| |
|---|
| |

(1) Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-6 ta' Settembru 2016, *Petruhhin*, C-182/15, ECLI:EU:C:2016:630.

**Dettalji ta' kuntatt tal-Istat li jibgħat informazzjoni dwar it-talba għal estradizzjoni**

Stat:

Awtorità kompetenti:

Persuna ta' kuntatt:

Kariga miżmuma:

Referenza tal-fajl:

Dettalji ta' kuntatt (indirizz elettroniku/numri tat-telefown):

L-awtorità ċentrali:

Data u firma

*ANNESS 5*

**Mudell sabiex tintalab estensjoni tal-limitu ta' żmien sabiex l-awtorità rikjesta tiġi infurmata skont il-mekkaniżmu *Petruhhin***

Wara n-notifika riċevuta minn .......... fi .......... *[data]*, dwar it-talba għall-estradizzjoni għall-finijiet ta' prosekuzzjoni kontra ċ-ċittadin ta' dan l-Istat ....... *[isem tal-persuna kkonċernata]* u maħruġa minn ....... *[Stat terz]*, dan l-Istat qed jitlob estensjoni tal-limitu ta' żmien ipprovdut mill-Istat rikjest sabiex jiġi infurmat dwar id-deċiżjoni dwar il-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew/mandat ta' arrest UE-IŻ/NO skont l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu *Petruhhin*.

B'mod partikolari, hija mitluba testendi l-limitu ta' żmien għal ....... *[perjodu ta' żmien/jiem]* u għalhekk sabiex l-Istat rikjest jiġi infurmat dwar tali deċiżjoni sa.......................................................................................... *[data]*.

Jekk jogħġbok ipprovdi aktar informazzjoni dwar il-ħtieġa għall-estensjoni:

| |
|---|
| |

**Dettalji ta' kuntatt rilevanti**

Stat:

Awtorità kompetenti:

Persuna ta' kuntatt:

Kariga miżmuma:

Referenza tal-fajl:

Dettalji ta' kuntatt (indirizz elettroniku/numri tat-telefown):

Data u firma

*ANNESS 6*

**Mudell għat-tweġiba għal talba għal estensjoni tal-limitu ta' żmien**

Wara t-talba tal-Istat tiegħek sabiex jestendi l-limitu ta' żmien sabiex tingħata informazzjoni dwar deċiżjoni dwar il-ħruġ ta' mandat ta' arrest Ewropew/UE-IŻ/NO skont l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu *Petruhhin* fir-rigward tan-notifika mibgħuta minn dan l-Istat fi ……… *[data]*, dwar it-talba għall-estradizzjoni għall-finijiet ta' prosekuzzjoni kontra ……… *[isem tal-persuna kkonċernata]* u maħruġa minn ……… *[stat terz]*,

l-Istat rikjest *[immarka l-kaxxa]*:

☐ a) jaċċetta li jestendi l-limitu ta' żmien kif propost mill-Istat tan-nazzjonalità;

☐ b) jaċċetta li jestendi l-limitu ta' żmien għal ………. *[perjodu ta' żmien/jiem]*: l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta minn ……… *[data]*;

☐ c) ma jistax jestendi l-limitu ta' żmien kif indikat mill-Istat tan-nazzjonalità.

Jekk c), jekk jogħġbok spjega r-raġunijiet għaliex ma ngħatatx l-estensjoni:

| |
|---|
| |

**Dettalji ta' kuntatt rilevanti**

Stat:

Awtorità kompetenti:

Persuna ta' kuntatt:

Kariga miżmuma:

Referenza tal-fajl:

Dettalji ta' kuntatt (indirizz elettroniku/numri tat-telefown):

Data u firma

*ANNESS 7*

**Mudell għall-Istat tan-nazzjonalità sabiex jipprovdi tweġiba lill- Istat rikjest**

Wara n-notifika li waslet minn .......... fi ......... *[data]* dwar it-talba għall-estradizzjoni għall-fini ta' prosekuzzjoni u maħruġa minn ....... *[Stat terz]* kontra ċittadin ta' dan l-Istat, u l-informazzjoni li tinsab fih, dan l-Istat *[immarka l-kaxxa]*:

☐ a. ħareġ mandat ta' arrest Ewropew/mandat ta' arrest UE-IŻ/NO kontra l-persuna kkonċernata relatat mal-istess reat(i)/att(i) bħat-talba għall-estradizzjoni;

☐ b. mhux sejjer joħroġ mandat ta' arrest Ewropew/mandat ta' arrest UE-IŻ/NO kontra l-persuna kkonċernata;

☐ c. qiegħed jipprovdi informazzjoni peress li t-talba għall-estradizzjoni hija infondata/abbużiva/politikament motivata:

| |
|---|
| |

**Dettalji tal-persuna kkonċernata**

Kunjom:

Isem/Ismijiet:

Kunjom qabel iż-żwieġ, fejn applikabbli:

Psewdonimi, fejn applikabbli:

Sess:

Nazzjonalità:

Data tat-twelid:

Post tat-twelid:

Residenza u/jew indirizz magħruf:

**Dettalji tal-awtorità kompetenti**

Stat Emittenti:

Awtorità kompetenti:

Isem ir-rappreżentant tagħha:

Pożizzjoni (titolu/grad):

Referenza tal-fajl:

Indirizz:

Id-dettalji ta' kuntatt:

**Awtorità ġudizzjarja emittenti kompetenti, jekk applikabbli**

Isem ir-rappreżentant tagħha:

Pożizzjoni (titolu/grad):

Referenza tal-fajl:

Indirizz:

Id-dettalji ta’ kuntatt:

Id-deċiżjoni formali dwar il-ħruġ tal-mandat ta’ arrest Ewropew / mandat ta’ arrest UE-IŻ/NO (mehmuż bħala anness jekk diġà nħareġ):

| |
|---|
| |

Informazzjoni ulterjuri:

| |
|---|
| |

**Dettalji ta’ kuntatt rilevanti**

Stat:

Awtorità kompetenti:

Persuna ta’ kuntatt:

Kariga miżmuma:

Referenza tal-fajl:

Dettalji ta’ kuntatt (indirizz elettroniku/numri tat-telefown):

Data u firma

*ANNESS 8*

**Mudell sabiex tiġi nnotifikata jew mitluba informazzjoni dwar talbiet għall-estradizzjoni infondati, abbużivi, b'mod partikolari politikament motivati u/jew talbiet, li jqajmu t-tħassib tal-Karta/tal-KEDB**

Għall-attenzjoni ta' *[immarka l-kaxxa]*:

☐ il-punt fokali maħtur ta' ........................................................................................ *[Stat(i)]*;

☐ id-29 punt fokali kollha;

☐ l-Eurojust;

☐ l-Europol;

☐ l-Interpol.

Dan id-dokument għandu jitlob informazzjoni jew jinnotifika l-eżistenza ta' talba għal estradizzjoni minn Stat terz, li titqies bħala infondata, abbużiva, b'mod partikolari politikament motivata.

**Informazzjoni dwar l-identità tal-persuna rikjesta**

Kunjom:

Isem/Ismijiet:

Kunjom qabel iż-żwieġ, fejn applikabbli:

Psewdonimi, fejn applikabbli:

Sess:

Nazzjonalità:

Data tat-twelid:

Post tat-twelid:

Residenza u/jew indirizz magħruf:

Lingwa/i li l-persuna rikjesta affettwata tifhem (jekk magħrufa):

Marki distintivi/deskrizzjoni tal-persuna rikjesta:

**Informazzjoni dwar l-awtorità tal-Istat terz rikjedenti u t-talba għal estradizzjoni**

1. Stat terz emittenti:

Awtorità (ġudizzjarja) li ħarġet il-mandat ta' arrest/talba għall-estradizzjoni:

Isem ir-rappreżentant tagħha:

Pożizzjoni (titolu/grad):

Referenza tal-fajl:

Indirizz:

Id-dettalji ta' kuntatt:

2. Talba għal estradizzjoni *[immarka l-kaxxa]*:

☐ Għall-fini ta' prosekuzzjoni;

☐ Għall-fini tal-eżekuzzjoni ta' sentenza jew ordni ta' detenzjoni.

Numru ta’ referenza tat-talba għall-estradizzjoni:

3. Informazzjoni dwar ir-reati li l-persuna kkonċernata tiġi akkużata bihom:

It-talba għall-estradizzjoni hija relatata ma’ total ta’ ........................................................ *[numru]* reati.

Deskrizzjoni taċ-ċirkostanzi li fihom twettaq/twettqu ir-reat(i), inkluż il-ħin, il-post u l-grad ta’ parteċipazzjoni fir-reat(i) mill-persuna rikjesta:

| |
|---|
| |

In-natura u l-klassifikazzjoni legali tar-reat(i), inkluż id-dispożizzjoni/kodiċi statutorja/u applikabbli:

| |
|---|
| |

Raġunijiet sabiex it-talba għall-estradizzjoni titqies bħala infondata, abbużiva, b’mod partikolari motivata politikament u/jew talbiet, li jqajmu t-tħassib tal-Karta jew tal-KEDB:

*(speċifika)*:

| |
|---|
| |

**Dettalji ta’ kuntatt tal-Istat li jibgħat informazzjoni dwar it-talba għal estradizzjoni**

Stat:

Awtorità kompetenti:

Persuna ta’ kuntatt:

Kariga miżmuma:

Referenza tal-fajl:

Dettalji ta’ kuntatt (indirizz elettroniku/numri tat-telefown):

Data u firma